# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru 2019**

**Numru 15**
**Rikors numru 479/07 RGM**

**Rita Psaila**

**v.**

**Joseph Psaila**

<u>Preliminari</u>

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmula mill-konvenut u l-iehor incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] moghtija fit-30 ta' Novembru 2017 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet dwar it-talbiet attrici u l-kontro-talba tal-konvenut billi: iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut; cahdet it-talba tal-attrici ghal manteniment ghaliha; ikkomminat fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet imposti fl-Artikolu 48 [1] tal-Kodici Civili, fl-intier tieghu; iddikjarat xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti *"b'effett millum"* u illikwidatha u assenjata lill-

partijiet; ordnat lil l-oggetti paraferanali tal-konvenut jigu ritornati lilu; awtorizzat lill-konvenut sabiex jibqa' jghix fid-dar matrimonjali numru 160 Triq San Guzepp, Hal-Tarxien saz-zmien indikat fis-sentenza; ordnat l-applikazzjoni fil-konfront tal-attrici tas-sanzjonijiet imposti fl-Artikolu 48 [1][a][b] u [c] tal-imsemmi kodici; ordnat li l-ispejjez tat-talbiet principali jithallsu in kwantu ghal 1/3 mill-attrici u r-rimanenti 2/3 ikunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li l-ispejjez tal-kontro talba jithallsu mill-konvenut fl-intier taghhom.

Il-Fatti

2. Il-partijiet, it-tnejn muzicisti ta' professjoni, izzewwgu fil-15 ta' Dicembru 1984. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u fi Frar 2009 iz-zwieg gie dikjarat null mit-tribunal ekklezjastiku. Matul il-konvivenza matrimonjali ta' circa 22 sena l-partijiet irrikonstraw inkwiet li eventwalment wassal ghas-separazzjoni *de facto* meta l-attrici matul il-lejl ta' bejn il-11 u it-12 ta' Gunju 2007 telqet mid-dar matrimonjali. Fis-7 ta' Dicembru 2007 l-attrici, debitament awtorizzata, tat bidu ghall-proceduri odjerni.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-htija ghas-separazzjoni u l-effetti konsegwenzjali:

"Illi l-provi mressqa mill-partijiet huma voluminuzi u jinsabu migburin fir-rapport imhejji mill-abbli Perit Legali fejn ghamlet referenza sostanzjali ghalihom kif ukoll sunt konciz tax-xhieda kollha li l-Qorti taghmel taghha. Il-Qorti rat il-provi u xhieda kollha li gew prodotti quddiem il-Perit Legali, ilkoll esebiti a fol. 368 sa 623 tal-process, kif ukoll l-Affidavits kollha pprezentati mill-attrici[1], u dawk ipprezentati mill-konvenut[2].

"**<u>Preliminari</u>**

"Il-Qorti tosserva illi ghalkemm id-dispensa miz-zwieg inghata mit-Tribunal Ekklezjastiku fi Frar 2009 u minkejja l-ordni tal-Qorti biex l-attrici tipprocedi entro 15-il gurnata biex tikseb ir-registrazzjoni tad-decizjoni skond l-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255) biex in-nullita` taz-zwieg ikollu effett fil-ligi civili, il-partijiet baqghu ma ressqu ebda prova li turi li l-imsemmija decizjoni giet registrata skond l-Artikolu 26 tal-Kap. 255. Il-Qorti tosserva illi dawn in-nuqqasijiet wasslu biex gew imressqa provi u affidavits voluminuzi fil-kors ta' din il-kawza ta' separazzjoni personali, li setghu ma tantx kienu rilevanti billi t-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali u l-kwistjoni tal-htija ghas-separazzjoni, setghu gew superati bl-effett civili li seta' nghata lid-dispensa miz-zwieg bejn il-partijiet, u kien appuntu ghal din ir-raguni li din il-Qorti dderigiet li l-provi jibqghu jingabru biss fuq l-aspett patrimonjali tas-separazzjoni bejn il-partijiet. Dan sar fuq skorta ta' diversi sentenzi li rritenew li, minhabba d-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni personali, ikun jifdal li tinghata decizjoni biss fuq l-aspett patrimonjali tal-kawza u mhux ukoll dwar il-pronunzjament tas-separazzjoni u l-htija ta' l-istess[3].

"Madanakollu, f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ghandha tikkunsidra t-talbiet dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-kwistjoni tal-firda u t-talbiet ancillari ghall-istess, minkejja d-dispensa *super matrimonio rato et non consummato* miz-zwieg tal-partijiet, u dan abbazi tas-segwenti ragunijiet:-

- "Il-partijiet naqsu milli jgibu prova li saret ir-registrazzjoni tad-digriet *super matrimonio rato et non consummato* skond l-Artikolu 26 tal-Kap. 255 u kwindi il-Qorti mhux sodisfatta li dan id-digriet ghandu effett civili skond kif kontemplat fl-Artikolu 25;

- "Il-kwistjoni tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg xorta hija relevanti kemm biex jigi determinat il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza, kif ukoll sabiex jigi deciz il-konsegwenza legali fuq l-aspett patrimonjali tal-vertenza

[1] Affidavit ta' Rita Psaila u l-Affidavit ulterjuri taghha kif ukoll l-Affidavits ta' ommha Doris Micallef, hutha Tessie Micallef u Maria Formosa, kif ukoll ta' Marthese Busuttil Cassar, Godfrey Cutajar u Guido Grima.
[2] Affidavit ta' Joseph Psaila u l-Affidavit ulterjuri tieghu, kif ukoll l-Affidavits ta' Raymond Psaila u Rose Grech.
[3] Ara ***Noelle Cilia vs Ernest Cilia***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru 2011.

tenut kont illi ħtija tista' twassal ghall-komminazzjoni ta' sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 li l-applikazzjoni taghhom intalbu miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin. Fil-kawza fl-ismijiet ***Carmen Spiteri vs Renald Spiteri*** deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2014[4], il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 relattivament ghall-effett fuq il-kawza ta' separazzjoni pendenti bejn il-partijiet:-

> "*…Kif gia' gie decis minn din il-Qorti " gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skont id-disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48(1) (c) tal.Kap 16, fi kliem iehor din il-Qorti ghandha il-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex mbaghad tiddetermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu precitat."*

"**<u>Responsabbilita` ghat-Tkissir taz-Zwieg</u>.**

"L-attrici tallega illi l-konvenut huwa hati ta' vjolenza, sevizzi, eccessi, minacci, theddid u ingurji gravi, filwaqt illi l-konvenut min-naha tieghu jallega li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, mohqrija u ingurji gravi fil-konfront tieghu. Il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha mressqa quddiem il-Perit Legali, taqbel mal-Perit Legali illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser unikament minhabba htija tal-konvenut.

"In tema generali, dwar l-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna***, riteniet illi:-

> "*Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, <u>ma qualunque di tale cause da sola basta</u>, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" –* ***"Elisa Thompson vs Edward Thompson"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

"Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet ***Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti***, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:-

> "*… mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi*

[4] Citazzjoni Numru 1393/2003

> *Ċivili u huma biss dawk <u>in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli</u>. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

"Kif jinsab ritenut pacifikament fil-gurisprudenza, ma huwiex necessarju illi jigu ppruvati dawn il-kawzali kollha b'mod kumulattiv, izda huwa sufficjenti illi tigi ppruvata kawzali wahda, basta tkun tali li tirrendi l-konvivenza difficli jekk mhux impossibbli.

"<u>**Eccessi u Sevizzi**</u>

"Huwa sinifikanti li jigi senjalat ukoll li teżisti distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. **Il-Fadda** jgħallem illi:-

> "*Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[5]

"Mill-banda l-oħra:-

> "*Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[6]

"**Baudry Lacantinerie** jghallem illi:-

> "*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[7]

"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951, gie dikjarat illi:-

> "*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

"***Sevizzi fil-konfront ta' l-Attrici***

"In kwantu ghall-kawzali ta' sevizzi u eccessi, mill-provi kollha li tressqu f'din il-kawza, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li jista' jigi rravvizat agir sevizzjevoli biss da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u kien

[5] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[6] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[7] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

appuntu din il-kawzali, maghduda mal-kawzali ta' ingurji gravi, li wassal ghat-tifrik fir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet.

"Kien appuntu l-agir dominanti u hakma assoluta tal-konvenut fuq l-attrici, il-fissazzjonijiet li kellu l-konvenut inkluz element sinnifikanti ta' ghira fil-konfront ta' martu, abbinat mat-theddid u insulti ripetuti li holqu biza' u umiljazzjoni intensa fl-attrici li, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, wassluha fl-estrem li titlaq hesrem mid-dar matrimonjali, fis-sighat bikrin ta' filghodu ad insaputa tal-konvenut b'ta' fuqha senduqha.

"Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut illi ghaliex l-attrici kienet tghix hajja komda gewwa dar mghammra tajjeb allura ma kellhiex x'tilmenta mill-hajja mizzewga taghha mal-konvenut. Jirrizulta manifestament li dan mhux il-kaz. L-attrici, korroborata mix-xhieda ta' ommha u hutha, iddeskriviet b'mod car it-twerwir u d-dwejjaq li kienet thoss minhabba n-nuqqas evidenti ta' fiducja li zewgha kellu fiha, it-tghajjir kontra l-familja taghha, insulti li kellha tiffaccja ripetutament anke quddiem l-istudenti taghha kif ukoll l-umiljazzjoni li kienet mahkuma kompletament minn zewgha u ma setghetx tghix hajja normali u tintrattjeni relazzjonijiet ordinarji ma' familtha. Il-Qorti tqis li dan kollu ssarraf f'mohqrija ossia sevizzi fil-konfront ta' l-attrici.

"Il-Qorti mhiex taccetta l-verzjoni li ta l-konvenut li kienet l-attrici li ghazlet minn jeddha li ma tkellimx lil ohtha u lil ommha u taqtaghhom minn hajjitha. Kieku dan huwa minnu, kieku l-attrici ma kienetx tkellimhom bis-serqa meta zewgha ma jkunx qieghed prezenti jew tahrab mid-dar bil-lejl u tmur tigri ghall-kenn u ghajnuna ghand ommha u ohtha li kienet ilha nieqsa mill-kuntatt regolari maghhom ghal dawk is-snin kollha. Filwaqt li l-Qorti mhux qed tiskarta l-possibbilita` li l-attrici setghet verament ma qablitx mal-komportament ta' ohtha Tessie Psaila fiz-zwieg taghha ma' hu l-konvenut, ma huwiex attendibbli li dan in-nuqqas ta' qbil seta' wassal ghall-izolament estrem li sabet ruhha fih l-attrici fiz-zwieg taghha mal-konvenut, bhalma huwa wkoll nieqes mill-kredibbilita` l-allegazzjoni ta' Raymond Psaila li l-attrici ma rieditx tara lil familtha b'ghajnejha. Infatti, ma jistax ma jigix osservat li mkien ma jirrizulta li l-attrici qatt kellha xi tilwima jew nuqqas ta' qbil ma' ommha jew ma' ohtha Maria Formosa li setghet twassalha li twarrabhom u tevita kuntatt maghhom tant li ommha kellha tfittex l-ghajnuna tal-Pulizija biex tistabbilixxi l-kuntatt ma' bintha.

"Il-fatt li l-attrici baghtet tghid mal-Pulizija li tinsab tajba u li ma kienx il-waqt li tikkuntattja lil ommha ma jistax, kuntrarjament ghal dak li jallega l-konvenut, li kienet l-attrici li ghazlet minn jeddha li tbieghed lil familtha. Dan kien biss sintomatiku tad-dominanza assoluta li kellu l-konvenut fuq ir-relazzjoni u l-komunikazzjoni bejn martu u l-familja taghha, kif ukoll tal-biza' li kellha minnu l-istess attrici, kollu ssintetizzat fis-segwenti bran mix-xhieda ta' Maria Formosa:-

> "*Meta staqsejtu x'gara minn ohti Rita, huwa qalli "dik mhux bicca tieghek ghax Rita taghmel dak li nghidilha jien biss, ghax lil Rita tliftuha.* "[8]

"Il-Qorti ma tistax tiskarta l-ambjent ta' biza' li ddeskriviet l-attrici, konfortata minn ommha u hutha li xehdu, u li kienet tghix fiha minhabba l-konvenut u l-hakma tieghu fuq martu. Jispikkaw b'mod partikolari l-limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li kien jimponi fuq martu fil-kuntatt li setghet taghmel mal-familja taghha anke fiz-zmien meta missierha kien qed imur l-isptar.

"Is-segwenti bran mill-Affidavit tal-konvenut[9] ukoll ikompli jaghti sostenn lill-verzjoni konsistenti ta' l-attrici u familtha li l-istess attrici kienet kompletament mahkuma minn zewgha:-

> "*<u>Il-liberta' li kont intiha</u> biex tixtri l-hwejjeg, fwieha, dehebijiet kemm trid, tbiddel u tmur ghand il-hairdresser kull gimgha, issuq u tmur fejn trid ma' hutha, issiefer minghajri…*" [sottolinejar tal-Qorti]

"Ghalhekk, jirrizulta sodifacjentement illi l-attrici sabet ruhha izolata kompletament fiz-zwieg mal-konvenut, maqtugha minn kull forma ta' wens mill-familja taghha izda fl-istess hin mdawra bil-familja tal-konvenut u bit-tghajjir li ma kellhiex ghazla hlief li tisma' regolarment kontra l-familja taghha l-iktar minhabba s-separazzjoni bejn ohtha Tessie u hu l-konvenut Raymond. Din is-separazzjoni ta' hut il-partijiet jidher li kienet wahda difficli, akrimonjuza u kombattuta ferm, li wasslet anke biex Raymond Psaila ghamel rapport lill-awtoritajiet biex jinvestigaw lill-kunjata tieghu ghal dikjarazzjoni falza.

"Finalment, jirrizulta li skond il-konvenut, stediniet ghal ricevimenti ta' zmien anke qabel iz-zwieg bejn il-partijiet, ghandhom jikkostitwixxu evidenza tajba tar-rispett u l-imhabba li jghid li kellu versu martu u r-relazzjoni tajba taghhom. Fil-fehma tal-Qorti, dan iservi biss biex ikompli jissahhah l-element qawwi ta' superficjalita` fl-emozzjonijiet tal-konvenut lejn martu, li jidher li kien iktar interessat fl-aspett materjalistiku taz-zwieg, fl-akkwisti akkademici tieghu u f'kemm kien istrumentali fl-izvilupp tal-karriera muzikali ta' l-attrici, milli jaghti sapport u jikkoltiva emozzjonijiet affettivi lejn martu.

<u>"F'dan kollu, il-Qorti tirravviza agir sevizzjevoli gravi tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici</u>.

"Il-Qorti taqbel ukoll f'dan l-isfond mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi n-nuqqas tal-partijiet li jikkonsmaw iz-zwieg taghhom u n-nuqqas ta' relazzjonijiet sesswali ma kienx wahdu l-fattur li wassal ghat-tkissir taz-zwieg. Il-Qorti zzid illi n-nuqqas ta' hajja sesswali ma rrendietx il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet insopportabbli daqskemm irrenda intollerabbli l-hajja ta' l-attrici, l-agir tal-konvenut fil-konfront taghha.

[8] A fol. 145.
[9] Pagna 3 a fol. 155

“***Sevizzi fil-konfront tal-Konvenut***

“Rigward is-servizzi allegati mill-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, il-konvenut jghid li l-attrici hadet dak li setghet minghandu waqt iz-zwieg biex imbaghad telqitu meta lahqet fejn riedet tilhaq fil-karriera taghha a skapitu tieghu. F’dan il-kuntest, il-Qorti taqel li l-konvenut seta’ kellu rwol sinfjikanti fl-avvanz tal-karriera muzikali ta’ l-attrici matul is-snin tal-hajja mizzewga taghhom izda, fil-fehma taghha, il-konvenut ma setax kien l-uniku fattur f’dan ir-rigward. Barra minn hekk, jirrizulta li kwalunkwe appogg li l-attrici setghet kellha minghand zewgha fl-ewwel snin taz-zwieg, malajr gheb u gie sostitwit b’ghira li mmanifestat ruhha fi tmaqdir u umiljazzjoni anke quddiem l-istudenti tal-muzika taghha, kif evidenzjat minn tliet xhieda barranin li tressqu mill-attrici, li t-testimonjanza taghhom baqghet inkontradetta.

“Oltre dan, il-kapacitajiet ta’ l-attrici huma indubitati u l-Qorti hija konvinta illi l-attrici intensifikat id-dedikazzjoni taghha ghall-karriera (i) meta rassenjat ruhha finalment li relazzjoni intima u sesswali mal-konvenut u t-trobbija tat-tfal ma kienux ghadhom possibbilita` fiz-zwieg taghhom, u (ii) f’kuntest ta’ hajja matrimonjali kompletament infelici u izolata. <u>F’dan il-kuntest, il-Qorti tosserva li l-affidavit ta’ Rosemary Wright gie sfilzat mill-atti u ghalhekk kull referenza li sar ghalih fir-Rapport Legali ma tiswiex</u>. Ghalkemm l-attrici kienet enfatika fix-xhieda taghha illi l-priorita` taghha meta zzewget lill-konvenut kien li jkollhom familja u mhux li ssir *concert pianist*, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi t-tfal ma setghux kienu daqshekk priorita` ghall-attrici. Madanakollu, il-fatt li l-attrici sabet sostenn u svog fil-karriera muzikali taghha lanqas jista’ jitqies wahdu bhala fattur li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet.

“Lanqas ma gie ppruvat li l-attrici fasslet iz-zwieg taghha mal-konvenut specifikatament biex tuzufruwixxi mill-qafas tal-karriera muzikali gja` stabbilita tal-konvenut u mill-kontribut li seta’ jaghti ghall-avvanz tal-karriera taghha. Il-Qorti lanqas ma hija sodisfatta illi l-attrici ma kinitx tirnexxi daqshekk fil-karriera taghha kieku ma kienx ghall-ispunt li pprovda l-konvenut bil-karriera stabbilita tieghu u l-ambjent li pprovda fid-dar u l-istil ta’ hajja tal-partijiet. Wara kollox, hawnhekk qeghdin fil-qafas taz-zwieg u mhux tal-karrieri. Il-Qorti ma ssib l-ebda tort fl-attrici ghal sevizzi jew eccessi.

“Lanqas giet riskontrata fl-atti xi prova dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut illi l-attrici ghamlet xi raggiri minn wara dahar il-konvenut biex jitkecca minn rapprezentant tal-Board ta’ l-ezaminaturi, jew li tiehu postu fuq dawn il-Boards u lanqas hemm xi prova illi kienet l-attrici stess li rrapportat lill-konvenut lill-Kullegg dwar il-mizati gholjin li kien jitlob lill-istudenti. L-attrici cahdet b’mod assolut dawn l-allegazzjonijiet fix-xhieda taghha u ma ngabet ebda prova ulterjuri mill-konvenut fir-rigward. Fuq kollox, il-konvenut ma ressaq ebda prova ta’ tnaqqis fid-dhul tieghu minhabba dan l-episodju.

"Il-konvenut naqas ukoll milli jissostanzja l-allegazzjoni tieghu illi z-zwieg spicca minhabba l-presenza ta' Raymond Bodell, li mieghu l-attrici kienet tqatta' sighat twal tahdem fuq l-ezamijiet tal-prattika muzikali u recordings. Fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizulta ebda hjiel ta' relazzjoni oltre relazzjoni akkademika u professjonali bejn l-attrici u Raymond Bodell u l-provi dwar dawn l-addebiti huma ferm skarsi. Il-Qorti mhix konvinta li dawn l-episodji kellhom xi relevanza fl-assjem tal-fatturi li wasslu ghas-separazzjoni bejn il-partijiet[10]. Fuq kollox, l-allegazzjonijiet tal-konvenut li martu "*kienet letteralment tghix ghal Bodell u jien kont biss l-ostakolu*", imkien ma jsibu sostenn fil-provi, bhalma lanqas giet ippruvata li l-attrici wettqet "*atti krudili*" fil-konfront tieghu minn mindu ltaqghet ma' Bodell.

"Huwa ferm sinnifikanti wkoll il-fatt li hut il-konvenut Raymond Psaila u Maria Theresa Marmorato u x-xhud Rose Grech, naqsu milli jidentifikaw imqar tort wiehed kwalsiasi fl-agir ta' l-attrici li jista' jwassal biex jigi addebitat lilha xi htija ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Infatti, ix-xhieda taghhom tindirizza b'mod ewlieni jekk mhux esklussivament, l-aspett patrimonjali tal-kaz u l-htija fis-separazzjoni ta' hut il-partijiet, tant illi Raymond Psaila nnifsu iddeskriva lill-attrici b'dan il-mod:-

> "*Rita kulhadd jafha bhala mara bil-ghaqal u qalbha tajba ma' kulhadd anke mal-girien. Il-hajja matrimonjali kienet wahda sew. Sakemm sfrattata ohtha Tessie u biex tivvendika minnha.*"[11]

"Ghaldaqstant, il-Qorti ma tirravvizax fil-konfront ta' l-attrici xi htija ghas-separazzjoni minhabba sevizzi.

"Il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi f'dan il-kaz, ma hemm ebda prova ta' eccessi kommessi mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin.

"**Ingurji Gravi**

"Dwar ingurji gravi, b'zieda mal-gurisprudenza citata fir-Rapport Legali, jinghad illi:-

> "*… l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"*[12]

[10] In kontro-ezami l-attrici xehdet li Raymond Bodell kien jigi Malta darbtejn fis-sena (fol 576) filwaqt illi mid-dokumenti esebiti minn oht il-konvenut Maria Theresa Marmorato, il-vizti ta' Bodell gewwa Malta saru fis-snin 2002 sa 2007 (Dok. MTM5 u MTM7)., kif ukoll dokumenti minn fol. 289 sa 292.
[11] Affidavit ta' Raymond Psaila, fol. 166.
[12] ***Marthese Vella pro et noe vs. George Vella*** – Prim'Awla, deciza 28 ta' Frar 2003.

"Issir referenza wkoll ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet ***Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius*** fejn in propositu ta' ingurji gravi, gie dikjarat illi:-

> "*Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi."*

"Il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali f'dan ir-rigward. L-ingurji li jahti ghalihom il-konvenut jikkonsistu manifestament mhux biss fit-tmaqdir u insulti ripetuti li kien jinfexx fihom quddiem l-istudenti taghha, izda wkoll fit-tghajjir kontinwu tal-familja ta' l-attrici fil-prezenza taghha, kif identifikat il-Perit Legali fir-rapport taghha.

"Il-Qorti zzid ukoll li l-konvenut huwa hati ta' ingurji gravi fil-konfront ta' martu bl-allegazzjonijiet u akkuzi li ghamel iktar minn darba fil-konfront taghha lill-British College of Accordionists wara li r-rapprezentanza lokali tal-konvenut giet terminata mill-Kullegg. Quddiem il-Kullegg, il-konvenut kjarament akkuza lil martu li ghamlet il-konverzjoni fil-munita li wassal ghat-tkeccija tieghu, u allega wkoll illi martu kellha relazzjoni intima ma' Ray Bodell. Fost ohrajn, il-konvenut ghajjar lill-attrici b'dan il-mod:-

> "*… my pretending loving double personality wife. With her actions, I can assure you that everyone is shocked and disgusted. She is not trusted as she was before. This affair is now open to the public ….*[13]"

"Kif ukoll:-

> "*… I never did the conversion into Maltese pounds <u>but my wife did and I have proof</u>. … Keeping all this in mind <u>she is also to be considered unloyal and you surely should not be able to have confidence in her as well</u>… Since Mr. Bodell came to Malta everything changed and all correspondences with the secretary came to a nill. This is because <u>my wife and Mr, Bodell did all communications using SMS's through mobile phones</u>*[14]". [sottolinejar tal-Qorti]

"Izda l-konvenut baqa' ma ressaqx provi biex jissostanzja l-allegazzjonijiet li ghamel kontra l-attrici. Jirrizulta li dawn l-akkuzi kellhom mizura ta' effikacja, kif il-konvenut evidentement xtaq, ghaliex fl-ittra datata 19 ta' Lulju 2007, is-segretarju tal-Kullegg kiteb hekk b'risposta ghall-allegazzjonijiet li ghamel il-konvenut kontra martu:-

> "*Rita would not be automatically considered and I would not support her.*
> …
> "*Ray is very upset at the way Rita used and manipulated him as he considered this relationship purely as a working relatinshop with a*

[13] Dok. F fol 332.
[1414] Fol. 336.

> *mutual interest in music and … Rita is deluding herself if she thinks it was anything more*.[15]"

"Jirrizulta ghalhekk illi filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' ingurji gravi fil-konfront ta' martu, ma jirrizulta b'ebda mod li l-attrici rrendiet ruhha hatja bl-istess mod fil-konfront ta' zewgha. Lanqas jirrizulta l-kawzali ta' abbandun tad-dar matrimonjali, kif allegat mill-konvenut, u f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel pjenament mar-Rapport Legali.

"In konkluzjoni, il-Qorti ssib bhal-Perit Legali qabilha, illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser unikament minhabba htija tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta' <u>sevizzi u ingurji gravi</u> fil-konfront ta' martu l-attrici.

"**<u>Manteniment</u>**

"Jirrizulta li, fost it-talbiet maghmula mill-attrici u mill-konvenut rikonvenzjonanti, hemm talba reciproka sabiex il-Qorti tordna l-hlas ta' manteniment lill-attrici da parti tal-konvenut, u lill-konvenut u da parti ta' l-attrici. Hadd minnhom ma xehed gew gab prova dwar id-dhul rispettiv taghhom jew dwar l-ispejjez rikorrenti jew straordinarji li ghandhom, wisq anqas dwar xi htiega jew bzonn li jircievu manteniment minghand xulxin. Jirrizulta li z-zewg partijiet ghadhom jipprattikaw il-professjoni taghhom u ghalhekk l-element tal-bzonn, li huwa rekwizit li ghandu jigi ppruvat sabiex tintlaqa' talba bhal din, huwa kompletament mankanti. Ghaldaqstant, it-tieni talba ta l-attrici u t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, ma humiex gustifikati u qed jigu respinti.

"B'referenza ghat-talbiet rispettivi tal-partijiet li huma ddekadew reciprokalment mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin, il-Qorti tqis li in kwantu l-attrici ma tahti bl-ebda mod ghat-tkissir taz-zwieg, ma jistax jigi rravvizat dekadenza minn dan id-dritt, u ghalhekk filwaqt illi fil-prezent ma jirrizultax li hija ghandha htiega li tigi mantnuta mill-konvenut, jekk xi darba fil-futur ic-cirkostanzi taghha jinbidlu, hija xorta wahda tirritjeni d-dritt li titlob manteniment minghand l-istess konvenut. F'dan ir-rigward, il-Qorti taddotta l-konkluzjonijiet tar-Rapport Legali.

"Madanakollu, fic-cirkostanzi riskontrati mill-Qorti f'dan iz-zwieg bejn il-partijiet, fejn gie stabbilit illi l-konvenut irrenda ruhu hati b'mod gravi fil-konfront ta' martu minhabba sevizzi u ingurji gravi kommessi kontriha, il-Qorti sejra tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Perit Legali fejn ma rravizzatx l-estremitajiet biex tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(d) fil-konfront tal-konvenut. L-agir sevizzjevoli tal-konvenut versu martu u l-ingurji gravi li wettaq ripetutament fil-konfront taghha, issarrfu f'tant tbatija da parti ta' l-attrici li l-Qorti hi tal-fehma li ghanda tuza d-diskrezzjoni taghha u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjoni tad-dekadenza ghad-dritt tieghu li jircievi l-manteniment minghand l-attrici.

---

[15] Fol. 333

“Ghaldaqstant, il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 48(1)(d).

“**Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Ohra Kontemplati mill-Artikolu 48**

“Salv ghall-konkluzjonijiet raggunti taht il-kappa ta’ ‘Manteniment’, il-Qorti taddotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali u tqis illi hija sejra tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati mill-Artikolu 48(1), u fil-konfront ta’ l-attrici, anke jekk ma nstabitx li kellha xi htija ghat-tkissir taz-zwieg u l-konsegwenzjali separazzjoni, is-sanzjonijiet kollha ghajr dik kontemplata fl-Artikolu 48(1)(d). Infatti l-attrici ma kkontestatx l-applikazzjoni fil-konfront taghha tad-dekadenza mid-drittijiet successorji taghha fil-konfront tal-konvenut, izda sostniet biss illi l-konvenut fic-cirkostanzi ghandu jiddekadi mid-drittijet kollha kif kontemplat fl-Artikolu 48(1).

“Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, fejn il-partijiet ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2007 u fejn ma gabu ebda prova kwalsiasi dwar l-akkwisti li setghu ghamlu esklussivament bil-hidma rispettiv taghhom sew kemm ilhom jghixu separatament, sewwa sew waqt il-perijodu ta’ konvivenza taghhom, u lanqas dwar donazzjonijiet li saru bil-hsieb taz-zwieg jew matul iz-zwieg, in-nuqqas ta’ applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(a),(b) u (c), bla dubju tista’ tohloq iktar diffikultajiet bejn il-partijiet.

“F’kull kaz, ai termini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni ferm wiesa’ fl-applikazzjoni o meno tas-sanzjonijiet in kwistjoni f’kaz li l-firda ssir ghal wahda mir-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40, u dan kull fejn skond ic-cirkostanzi fejn il-Qorti tqis li jkun xieraq li dawn jigu applikati. Fil-kaz tallum, il-Qorti thoss li ghandhom jghoddu l-effetti kontemplati fl-imsemmi Artikolu 48(1) fil-konfront taz-zewg partijiet appuntu biex ma jivvantawx pretensjonijiet ulterjuri fil-konfront ta’ xulxin fir-rigward ta’ drittijiet ta’ successjoni u ta’ akkwisti ohrajn gejjin mill-hidma taghhom li dwarhom ma gabux provi f’din il-kawza.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

“F’dan il-kaz ma jirrizultax illi d-dispensa *super matrimonio rato et non consummato* inghatat minhabba l-malafede ta’ xi wahda mill-partijiet f’dan il-kaz. Id-digriet tal-annullament pronunzjata mit-Tribunal Ekklezzjastiku fit-28 ta’ Frar 2009 tinsab ezebita a fol. 419 u 420 tal-process u minn qari tal-kontenut ta’ l-imsemmija decizjoni u tenut kont ic-cirkostanzi li jirrizultaw mill-atti ta’ din il-kawza li jidher li wasslu ghall-pronunzjament ta’ zwieg li ma giex kunsmat, ma jista’ jigi rravvizat ebda element ta’ malafede f’ebda wahda mill-partijiet ghal dan il-*caputat nullitatis*. Ghalhekk, ghandu jigi dikjarat li z-zewg partijiet kienu in buona fede meta kkuntrattaw iz-zwieg taghhom.

"Dan qed jinghad ghaliex skond l-Artikolu 20 tal-Kap 255, jekk iz-zewg partijiet ikunu in buona fede, il-komunjoni tal-akkwisti titqies illi kienet tezisti favur iz-zewg mizzewgin sad-data li fiha s-sentenza ta' nullita` tkun saret res judicata[16]. Rigward l-element tal-buona fede tal-konjugi, l-awtur Taljan, Francesco Gazzjoni fit-trattat tieghu ***Manuale di Diritto Privato***[17] fil-kummenti tieghu dwar zwieg putattiv u l-kriterji kostituttivi tieghu, jghid hekk:-

> "*Per quanto riguarda la buona fede, in questo caso essa equivale a ignoranza delle causa di invalidita'. L'errore puo' essere di fatto …di diritto … e puo' anche essere teoricamente inescusabile. Secondo le regole generali la buona fede si presume e deve essere presente al momento della celebrazione del matrimonio [mala fides superveniens non nocet].*"

"Il-Qorti qed tikkonsidra illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 20 (1) tal-Kap. 255 bejn il-partijiet,jibqghu jissussistu l-effetti ta' zwieg validu favur iz-zewg partijiet.

"Jigi ribadit illi f'din il-kawza, ma saret ebda prova dwar ir-registrazzjoni tad-digriet tad-dispensa wisq anqas dwar id-data meta dan assuma effett civili, u ghalhekk l-ezercizzju ta' komputazzjoni li l-Qorti sejra taghmel ser ikun ibbazat fuq il-binarju illi z-zewg partijiet ghandhom jibbenefikaw mill-effetti ta' zwieg validu u ghall-finijiet tar-rizoluzzjoni tal-vertenza li tirrigwarda l-aspett patrimonjali, il-Qorti ser tikkonsidra wkoll illi bejn il-partijiet baqa' jissussisti r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Konsegwentement, il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ser issir skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn konjugi fi zwieg validu, b'dan illi tali komunjoni ser jigi kkonsidrat li baqghet fis-sehh sad-data ta' din is-sentenza tal-lum.

"Proprjeta` Immobbli

"Il-partijiet izzewgu fil-15 ta' Dicembru 1984. Qabel iz-zwieg taghhom, cioe` permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Gunju 1982, il-partijiet kienu akkwistaw minghand il-genituri tal-konvenut, id-dar bin-numru 160, gewwa St. Joseph Street, Hal Tarxien[18]. Billi huwa manifest illi dan il-fond inxtara qabel iz-zwieg bejn il-partijiet, dan ma huwiex assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ma jidholx fl-istess komunjoni. Sfortunatament, jidher li dan il-fatt sfugga lill-partijiet u lill-Perit Legali li lkoll ittrattaw dan il-fond bhala assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan ghamluh iz-zewg partijiet, fin-noti guramentati taghhom[19], filwaqt illi l-Perit Legali fl-ezercizzju tal-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti li ghamlet fir-Rapport taghha, assenjat dan il-fond lill-konvenut.

---

[16] Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Perit Herbert De Bono vs Astrid Francione.**
[17] Edizione X – 2003.
[18] Kuntratt Doc. A a fol. 121 u 224.
[19] A fol 34 *et seq*., nota ta' l-attrici, u a fol. 47 *et seq.*, nota tal-konvenut.

"Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien jokkupa dan il-fond, proprjeta` tal-genituri tieghu, sa minn qabel iz-zwieg u kien juzah bhala studio muzikali fejn kien jghallem il-muzika u jipprattika l-professjoni tieghu. Wara li dan il-fond gie akkwistat mill-partijiet waqt l-gherusija taghhom, huma wettqu diversi alterazzjonijiet fil-fond biex jikkonvertuh f'post ghall-abitazzjoni u wara z-zwieg, sar id-dar matrimonjali taghhom. Il-konvenut jippretendi illi l-bejgh tal-fond lill-partijiet kien simulat ghaliex skond hu, il-genituri tieghu riedu jaghtu dan il-fond lilu b'donazzjoni bl-istess mod li ddonaw jew hallew b'legati l-assi l-ohrajn taghhom lil hutu. In sostenn ta' din il-verzjoni tieghu, il-konvenut jghid li huwa ma wiret xejn minghand ommu u missieru. Isostni wkoll illi huwa intavola kawza biex il-kuntratt ta' akkwist tad-dar matrimonjali jigi rexxiss stante li gie simulat. Hemm qbil li din il-kawza ghadha pendenti sal-lum wara li sar appell mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

"Ghalhekk, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa kuntratt ta' akkwist ta' fond li tieghu l-partijiet huma koproprjetarji indivizament bejniethom f'ishma ndaqs, liema proprjeta` ma tidholx fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Sal-lum, dan il-kuntratt ma giex rexxiss u ghalhekk il-Qorti tqis illi dan il-kuntratt ghadu jghodd b'dan li <u>l-fond jappartjeni in komun liz-zewg partijiet f'komunjoni tal-beni ai termini tad-dispozizzonijiet ta' l-Artikolu 489 *et seq*. tal-Kodici Civili, bid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 495, u dan sakemm ikun hemm decizjoni finali fil-kawza istitwita mill-konvenut li tiddeciedi differentement</u>.

"Il-Qorti fic-cirkostanzi ma ghandhiex ghalfejn taggudika ulterjorment dwar id-drittijiet tal-partijiet fuq dan il-fond ghaliex dan huwa appuntu l-mertu ta' kawza *ad hoc* li ghadha pendenti. Ghalhekk,ser thalli s-sitwazzjoni impregudikata ghad-drittijiet tal-partijiet pendenti l-kawza pendenti imsemmija.

"Ghal din ir-raguni, il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-fond matrimonjali ghandu jigi assenjat lill-konvenut. L-assenjazzjoni tal-fond lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet ma tistax issir f'cirkostanzi fejn it-titolu ta' l-attrici fuq l-istess fond qed jigi kkontestat f'proceduri li sal-lum ghadhom pendenti.

"Il-Qorti ma taqbilx lanqas mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li, stabbilit li ma giex ippruvat li l-prezz ghall-akkwist ta' dan il-fond thallasx mill-partijiet waqt iz-zwieg, is-somma ta' Lm6,000 ghandha ghalhekk titqies bhala debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Galadarba ma tistax issir l-assenjazzjoni ta' dan l-fond lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet bhala parti mil-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-ebda wahda mill-partijiet ma jista' jkollha kreditu kontra l-ohra ghall-hlas ta' nofs il-prezz. Is-sitwazzjoni li ghandha prezenti quddiemha l-Qorti llum hija li jekk il-partijiet ghadhom ma hallsux il-prezz tax-xiri tal-fond, dan huwa kreditu li semmai huwa dovut lil min wiret lill-vendituri ta' l-istess fond. Anke jekk jezisti dan il-kreditu, qatt ma jista' jitqies li huwa dovut mill-komunjoni ta' l-akkwisti izda minghand il-proprjetarju effettiv tal-fond, u

llum huma proprjetarji z-zewg partijiet indivizament u ugwalment bejniethom.

"Fl-isfond ta' dan kollu, izda, il-Qorti mhix ser tilqa' t-talba ta' l-attrici biex il-konvenut ma jibqax jokkupa d-dar matrimonjali jew li tghix hi fil-fond, ghall-istess ragunijiet validi li sabet il-Perit Legali ossia l-fatt li wara li l-attrici telqet mill-fond, il-konvenut, li kien ilu jokkupah sa minn qabel iz-zwieg bejn il-partijiet, baqa' jokkupah sal-lum oltre li dan huwa l-post minn fejn jezercita l-professjoni tieghu. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet, il-konvenut ghandu jibqa' jirrisjedi f'dan il-fond.

"L-unika proprjeta` immobbli li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti huwa l-garaxx li jinsab faccata tad-dar matrimonjali u li gie akkwistat mill-partijiet waqt iz-zwieg permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Frar 1988 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino. Il-partijiet jaqblu illi l-valur ta' dan il-garaxx huwa ta' €24,000[20] izda ma hemmx qbil dwar min minnhom ghandu jigi assenjat dan il-fond. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles ghal mhux inqas mill-imsemmi prezz ta' €24,000 u, fin-nuqqas li dan isehh fi zmien sena, il-fond jinbiegh fis-subbasta skond il-ligi, u r-rikavat jinqasam b' mod ugwali bejn il-partijiet.

"**Vetturi u Poloz ta' Assigurazzjoni**

"Il-Qorti taqbel mar-rakkomondazzjoni tal-Perit Legali li filwaqt li l-attrici tigi assenjata l-vettura Toyota Platz bin-numru ta' registrazzjoni RIT-211, il-konvenut jigi assenjat il-vettura Rover 75 bin-numru ta' registrazzjoni EBF-531 minghajr ebda ekwiparazzjoni bejniethom. Peress li jidher li hadd mill-partijiet ma jrid li jigi assenjat il-vettura Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni IRP-548, qed jigi deciz li din ghandha titpogga immedjatament ghall-bejgh fuq is-suq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

"Il-Qorti tordna wkoll li z-zewg poloz ta' assigurazzjoni fuq il-hajja tal-partijiet[21] jigu assenjati kif propost mill-Perit Legali fir-Rapport taghha, cioe` l-polza f'isem l-attrici jew ir-rikavat minnu f'kaz li jkun immatura fil-mori tal-kawza, lill-attrici, u l-polza f'isem il-konvenut jew ir-rikavat minnu f'kaz li jkun immatura fil-mori tal-kawza, lill-konvenut minghajr ebda ekwiparazzjoni bejniethom.

"**Krediti tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Il-konvenut isostni fin-nota guramentata tieghu illi l-partijiet kienu investew is-somma ta' cirka €37,270 sabiex il-genituri ta' l-attrici xtraw il-fond Block 3, Entratura A, Bieb numru 1, Triq is-Salvatur, Kalkara, minghand l-Awtorita` tad-Djar. Jirrizulta li dan il-fond gie akkwistat minn Saviour u Doris Micallef bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosella

[20] Valutazzjoni tas-26 ta' Novembru 2014.
[21] Polza bin-numru 37908 f'isem l-attrici **Dok. ED1** u polza bin-numru 37907 f'isem il-konvenut – **Dok ED2**.

Sciberras datat 25 ta' Gunju 1997 a fol. 131 u 132 kif ukoll a fol 229 tal-process[22]. Skond l-attrici, li giet korroborata pjenament minn ommha kif ukoll minn ohtha Maria Formosa, hija hallset waqt iz-zwieg taghha mal-konvenut id-depozitu ghall-akkwist tal-fond li thallas fuq il-konvenju datat 2 ta' April 1997, fis-somma ta' Lm1,125. Jirrizulta wkoll mill-imsemmija dokumenti illi omm u missier l-attrici kienu ssellfu s-somma ta' Lm7,000 minghand Mid-Med Bank Limited biex jiffinanzjaw in parte l-akkwist ta' dan il-fond[23], kif ukoll li Maria Formosa u zewgha Eugenio Formosa ikkostitwew ruhhom bhala garanti personali ghall-obbligu tal-hlas ta' dan is-self.

"Il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tal-Perit Legali illi ghalkemm il-genituri ta' l-attrici kienu hadu self biex jiffinanzjaw l-akkwist ta' dan il-fond, gie ppruvat sodisfacjentement li "*il-kumplament tal-prezz u possibbilment il-pagamenti tas-self thallsu mill-partijiet Psaila"*. Jidher li l-Perit Legali wasslet ghal din il-konkluzjoni fuq dak li jirrizulta mill-affidavit[24] ta' Rosemary Wright, kif ukoll fuq zewg testmenti ta' omm l-attrici li permezz taghhom il-fond in kwistjoni gie mholli bi prelegat lill-attrici, bid-dikjarazzjoni espressa mit-testaturi illi "*ghalkemm il-fond gie miksub minnhom, il-flus ghall-akkwist tal-istess fond gew provduti mill-prelegatarja Rita Psaila fl-interezza taghhom*." Skond il-Perit Legali, ghalkemm dawn it-testmenti gew sussegwentement revokati u mibdula, id-dikjarazzjonijiet maghmula fihom jibqghu "*validi u fermi*".

"Fl-ewwel lok il-Qorti qieghda tiskarta kull referenza ghall-affidavit ta' Rosemary Wright in vista tal-fatt li dan gie sfilzat mill-atti. Fit-tieni lok, jirrizulta ppruvat illi permezz ta' l-ahhar testment ta' Doris Micallef[25], il-fond in dizamina thalla bi prelegat <u>unikament</u> lil Maria Formosa, filwaqt illi l-attrici ma giet imhollija ebda prelegat izda giet istitwita bhala eredi universali ta' ommha <u>flimkien ma' hutha l-ohra kollha</u> ghaliex, kif dikjarat fl-istess testament, tul hajjitha it-testatrici tat lil Rita Psaila s-somma ta' l-ekwivalenti f'Euro ta' <u>Lm30,000 akkont ta' sehemha mill-eredita`</u>.

"Il-Qorti tqis illi kieku l-prezz kollu ghall-akkwist ta' dan il-fond thallas mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti, il-fond ma kienx jintiret finalment minn oht il-konvenuta minflok mill-attrici. Fuq kollox, it-testatrici, kieku verament irceviet flus minn bintha l-attrici ghal kwalsiasi raguni, ma kienetx tiddikjara li l-flus li hija tat lill-attrici tul hajjitha <u>tathomlha akkont ta' sehemha mill-eredita` taghha</u>. F'dan is-sens il-Qorti ma tikkondividiex il-konkluzjoni tal-Perit Legali li d-dikjarazzjoni maghmula f'testment li sussegwentement gie revokat, tibqa' valida u ferma; specjalment meta bhal kaz odjern id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar testment jikkontradixxu b'mod assolut id-dispozizzjonijiet revokati[26].

---

[22] Il-kopja esebita ma jidhrix li hija kopja kompluta tal-kuntratt ta' akkwist.
[23] Ara kuntratt ta' akkwist datat 25 ta' Gunju 1997 kif ukoll iz-zewg faccati ta' fol. 129.
[24] Pagna 56 tar-Rapport Legali.
[25] Dok. RP7, datat 21 ta' Lulju 2010 a fol. 501.
[26] Dok RPX 5 a fol. 491 huwa biss <u>abbozz</u> ta' testament ta' Doris u Saviour Micallef.

"Barra minn hekk, huwa sinjifikanti li l-konvenut ma ressaq ebda prova ulterjuri oltre d-dikjarazzjoni li ghamel fin-nota guramentata tieghu, in sostenn ta' l-allegazzjoni li l-komunjoni ta' l-akkwisti investiet is-somma ta' cirka Lm16,000 biex jinxtara l-fond in kwistjoni, u fl-isfond tal-fatt illi m'hemmx dubju li l-akkwirenti kienu selfu s-somma ta' Lm7,000 mill-bank biex jiffinanzjaw l-akkwist, il-konvenut baqa' ma offra ebda spjegazzjoni dwar kif u b'liema mod hu u martu hallsu l-prezz ta' l-akkwist ta' dan il-fond. Wara kollox, l-attrici cahdet enfatikament li kienet versat is-somma msemmija mill-konvenut lill-konjugi Micallef, filwaqt li Maria Formosa kienet ferm konsistenti u kkonfermat li kull ma kienet hallset l-attrici mill-prezz ta' l-akkwist, kien id-depozitu ta' Lm1,125 u ghall-bqija ommha kienet tmur il-bank u thallas in kontanti r-ripagamenti mensili. Finalment, il-konvenut qatt ma allega li l-partijiet kienu jhallsu r-ripagamenti mensili lill-Bank.

"Il-verzjoni ta' l-attrici u familtha baqghet ma gietx kontradetta u qed tasal ghall-konkluzzjoni illi ma giex ippruvat sodisfacentement l-allegazzjoni tal-konvenut li l-partijiet investew is-somma allegata ta' €37,270 fil-fond akkwistat minn omm u missier l-attrici.

"Konsegwentement il-Qorti filwaqt li tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Perit Legali f'dan ir-rigward, tiddeciedi li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha kreditu kontra l-attrici fl-ekwivalenti f'Euro tas-somma ta' Lm1,125 li giet imhallsa akkont tal-prezz ta' akkwist tal-fond *de quo*. Il-konvenut ghandu ghalhekk dritt li jircievi nofs l-ammont ta' €2,620.25, ossia €1,310.12 minn sehem l-attrici fil-komujoni ta' l-akkwisti.

"Rigward il-krediti l-ohrajn li gew pretizi mill-partijiet f'din il-kawza, il-Qorti tosserva qabel xejn illi l-partijiet ma jaqblux bejniethom la dwar l-ammonti li allegatament thallsu waqt iz-zwieg lil Raymond Psaila, lil Maria Theresa Marmorato u lil Rose Grech, u lanqas dwar it-titolu li bih dawn il-flus ghaddew lil dawn it-terzi.

"Raymond Psaila jaccetta li l-partijiet tawh is-somma ta' Lm2,300 rapprezentanti s-sehem dovut lilu mill-konvenut mill-wirt ta' ommu u missieru, filwaqt li l-attrici tghid li l-konvenut, kontra r-rieda taghha, tah Lm2,400 biex jghinu jibda hajtu ta' ragel separat, kif ukoll somma ohra in linea ta' manteniment ghat-tifla tieghu. Raymond Psaila jikkontesta li thallas dan l-ammont ta' l-ahhar, u mill-kumpless tax-xhieda kollha fir-rigward, il-Qorti ssib illi fic-cirkostanzi ma hemmx bizzejjed provi biex jikkonvincuha li Raymond Psaila verament thallas xi ammont ghall-manteniment tat-tifla ta' hut il-partijiet.

"Ghar-rigward is-somma ta' Lm2,300 li Raymond Psaila jammetti li huwa rcieva minghand il-partijiet, huwa jghid li din kienet dovuta lilu bhala hlas ta' sehem il-konvenut mill-ekwiparazzjoni dovuta skont l-ahhar testment tal-genituri ta' l-ahwa Psaila. In vista ta' din l-istqarrija, li giet konfermata mill-konvenut, jirrizulta li thallas debitu parafernali tal-konvenut b'fondi tal-komunjoni ta' l-akkwistu li ghalhekk ghandha kreditu fil-konfront tal-konvenut fis-somma ta' mill-inqas Lm2,300 (jew

€5,357.57). Konsegwentement, l-attrici tithallas nofs dan l-ammont minn sehem il-konvenut fil-komunjoni ta' l-akkwisti, cioe` s-somma ta' €2,678.79.

"Fir-rigward ta' l-ammont li nghataw lil Rose Grech, habiba tal-familja Psaila, il-Qorti tqis illi ma tressqux provi sodisfacjenti mill-attrici li l-partijiet hallsu s-somma ta' Lm5,000 kif allegat mill-attrici. L-imsemmija xhud Rose Grech cahdet illi hija qatt irceviet l-ammont ta' Lm5,000 mill-partijiet. Fuq kollox, mill-provi mressqa f'dan ir-rigward, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-attrici giet deskritta bhala mara qalbha tajba u generuza, il-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-flus li Rose Grech tistqarr li l-partijiet ghaddew lilha u lil zewgha, kienu fin-natura ta' self bil-hsieb li jigu imradda lura lill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda kienu pjuttost karita`. Kieku kienu self wiehed kien jistenna li ta' lanqas issir skrittura.

"L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-flus moghtija lil Maria Theresa Marmorato. L-attrici tghid li zewgha kien ghadda s-somma komplessiva ta' cirka Lm10,000 lil ohtu biex jghinha f'xi ameljoramenti li saru fid-dar taghha, izda x-xhud Marmorato tichad li li l-partijiet kienu ghenuha finanzjarjament. Ix-xhud sostniet illi bhala rigal kienu taw lilha u lil zewgha flus biex jixtru salott u rigal ta' tavolina u armadju li ma kellhomx iktar bzonnu. Fid-dawl ta' din ix-xhieda ta' oht il-konvenut, il-Qorti mhix konvinta illi l-flus mghoddija lilha kienu intizi bhala self jew li kellhom jithallsu lura lill-partijiet u ghalhekk qed jigi deciz li l-komunjoni ta' l-akkwisti ma ghandha ebda kreditu kontra oht il-konvenut.

"Ghalhekk, ghall-finijiet tal-hlas tal-krediti tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u wara tpacija parzjali qed jigi deciz li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' elf tliet mija u tmeinja u sittin Euro u sitta u sittin centezmu (€1,368.66).

"**Kontijiet Bankarji**

"Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi ghalkemm jirrizulta mill-provi li kien hemm self bankarju li ttiehed mill-partijiet matul il-konvinenza matrimonjali taghhom, dan is-self thallas in toto u ebda parti ma vvantat xi pretensjoni dwar il-fondi mhallsa fuq dan is-self. Ghalhekk, in vista tal-fatt illi jidher li ma ghadx hemm kontijiet bankarji f'isem il-partijiet, la separatament u lanqas konguntivament, ma hemmx htiega ta' xi provvediment f'dan ir-rigward.

"**Mobbli Ohra tal-Komunjoni**

"Il-Perit Legali hejjiet prospett dettaljat u studjat, ibbazat fuq ix-xewqa murija mill-partijiet rispettivament dwar l-oggetti li jixtiequ li jigu assenjati lilhom u li jinsabu fid-dar matrimonjali.

"Il-Qorti, wara li fliet il-listi ta' l-oggetti esebiti mill-partijiet man-noti guramentati taghhom, taqbel mal-Perit Legali li l-konvenut jigi assenjat, b'mod generali, dawk l-oggetti li indika li jrid huwa biss, filwaqt li l-attrici

tigi assenjata, bl-istess mod generali, dawk l-oggetti li hija biss tixtieqhom. Ghall-bqija tal-mobbli li l-partijiet xtaquhom it-tnejn jew ma xtaqhom hadd, il-Qorti wkoll taqbel li dawn jigu assenjati lil parti jew l-ohra b'kemm jista' jkun l-istess valur. Infatti, il-valur ta' l-oggetti hekk assenjati fir-Rapport Legali huwa ugwali (€99,923 kull wiehed) u l-Qorti taghmel taghha l-iskeda li tinsab fl-istess Rapport a fol. 690 sa 693 (Skeda A: oggetti assenjati lill-konvenut), u l-iskeda li tinsab a fol. 693, 694 u 695 (Skeda B: oggetti assenjati lill-attrici) liema skedi ghandhom jifformaw parti minn din is-sentenza billi jigu annessi maghha bhala 'Appendix A'.

"Il-konvenut fid-domandi in eskussjoni lill-Perit Legali, issenjala l-fatt li uhud mill-oggetti assenjati lilu fl-iskeda A (vazun kbir ciniz, inkwatru tal-fidda u nest of tables interzjati) b'valur ta' komplessiv ta' €548 huma neqsin mid-dar matrimonjali, filwaqt li oggett wiehed mill-lista Skeda B assenjata lill-attrici huwa wkoll nieqes (par centri zghar tal-fidda, b'valur ta' €116). Madanakollu, jirrizulta li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk effettivament dawn l-oggetti humiex neqsin jew le stante illi ma humiex indikati fil-lista ta' l-attrici ta' l-oggetti li skond hi ma nstabux meta gie esegwit il-Mandat ta' Deskrizzjoni. Ghalhekk, salv ghal dak li ser jinghad 'il quddiem taht is-sezzjoni 'Beni Parafernali' ma hemmx lok li l-Qorti tiddisturba l-assenjazzjonijiet tal-mobbli tal-komunjoni li ghamlet il-Perit Legali fl-iskedi A u B.

"Ghall-bqija, l-oggetti indikati mill-Perit Legali fl-iskeda li tinsab a fol. 689/690, li qed jigu annessi ma' din is-sentenza bhala 'Appendix B', hlief ghall-amplifier u pedaljera, mhux qed jitqiesu bhala beni parafernali tal-konvenut izda beni tal-komunjoni a tenur ta' l-Artikolu 1321 tal-Kap. 16 u ghandhom ghalhekk jitpoggew immedjatament ghall-bejgh fuq is-suq u r-rikavat taghhom jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

"L-istess qed jigi deciz dwar l-oggetti li l-konvenut jghid li gew neqsin mid-dar matrimonjali, filwaqt li l-attrici tghid li hbiehom il-konvenut ghaliex mhux indikati fil-mandat ta' deskrizzjoni li sar fuq talba taghha gewwa d-dar matrimonjali f'Hal Tarxien. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi minkejja li l-konvenut allega ripetutament tul dawn il-proceduri li l-attrici nehhiet diversi oggetti mid-dar matrimonjali meta harbet bil-lejl ad insaputa tieghu fit-12 ta' Gunju 2007, huwa ma gab ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni u fir-rapporti li ghamel lill-Pulizija[27] meta skond hu, innota li kien hemm oggetti neqsin mid-dar matrimonjali, naqas milli jindika mqar wiehed minn dawn l-oggetti li ma nstabux. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni valida, lanqas hija kredibbli l-verzjoni ta' l-attrici li l-konvenut heba dawn l-oggetti.

"Ghalhekk, billi dawn l-oggetti jistghu jitfaccaw fil-futur il-Qorti tqis li ghandhom jinzammu in komun bejn il-partijiet b'dan illi jekk jinstabu, jitpoggew ghall-bejgh fuq is-suq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

[27] Dok. PUL1 a fol. 456 u 461.

"Finalment, billi l-attrici fin-nota guramentata taghha, qablet espressament li hija ma ghandha ebda oggezzjoni li l-kontenut tal-garaxx gewwa Rahal Gdid, mikri lill-partijiet, jigi assenjat fl-intier tieghu lill-konvenut, inkluz is-sigra tal-Milied kif ukoll il-kontenut kollu gewwa l-garaxx ta' Birebbuga mikri lill-partijiet, il-Qorti qieghda tassenja dawn l-oggetti wkoll lill-konvenut.

"**Beni Parafernali**

"A fol. 44 tal-process, l-attrici indikat dawk l-oggetti li huma parafernali taghha kif ukoll dawk li huma parafernali tal-konvenut. Da parti tieghu, il-konvenut jikkontendi li hemm diversi oggetti ohra li l-attrici indikat li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti li huma parafernali tieghu. Jidher li l-partijiet mhux qeghdin jaqblu dwar jekk l-oggetti segwenti humiex parafernali tal-konvenut jew tal-komunjoni:-

"Ornament ta' fuq il-librerija, kotba tal-muzika li jinsabu fil-librerija, zewg speakers kbar, linfa u par brazzi tal-kristall, zewg mirja indurati, par inkwatri bil-fjuri tac-ceramika, par statwetti tac-ceramika, par lustrini bil-mirja indurate, erba' inkwatri kbar, telephone table (Dok L), par brazzi tal-bronze u par brazzi zghar fil-passaggi.

"Skond il-Perit Legali gie ppruvat li dawn l-oggetti jappartjenu lill-konvenut izda l-Qorti tqis illi iridu jingiebu provi cari u inekwivoci biex tingheleb il-presunzjoni li l-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra[28]. L-attrici ma taqbilx illi dawn l-oggetti huma parafernali tal-konvenut.

"Huwa minnu li gie ppruvat li qabel iz-zwieg il-konvenut kellu xi oggetti fid-dar li sussegwentement saret id-dar matrionjali, peress li kien juza dan il-fond bhala studio muzikali u biex jghallem il-muzika. Fil-fatt, huwa esebixxa ricevuta tax-xiri ta' amplifijier u pedaljera, datata 9 ta' September 1975[29] filwaqt li ohtu Maria Theresa Marmorato wkoll ikkonfermat illi l-konvenut kellu fireplace, linfa u wall unit kif ukoll hafna strumenti muzikali fil-fond qabel iz-zwieg. Madanakollu, oltre ghal dawn l-oggetti kif ukoll dawk l-oggetti li l-attrici espressament qablet li huma parafernali tal-konvenut[30], il-Qorti mhix konvinta illi l-konvenut ressaq prova sodisfacjenti biex juri li l-beni rimanenti li jippretendi li huma parafernali tieghu, ma humiex tal-komunjoni. B'mod partikolari, l-attrici tikkontesta li z-zewg *speakers* kbar li jinsabu fl-istudio taghha, kienu tal-konvenut qabel iz-zwieg.

"Ghalhekk, ferm il-premess, il-Qorti sejra tassenja lill-konvenut is-segwenti oggetti li huma parafernali tieghu:-

[28] Artikolu 1321 tal-Kap. 16
[29] Dok. C a fol. 70.
[30] A fol. 44 – vjolin, parr putruni, skrivanija zghira antika, pjanu upright u fireplace zghir.

"Vjolin, par pultruni, skrivanija zghira antika, pjanu upright u fireplace zghir, librerija, amplifier u pedaljera.

"Jirrizulta madanakollu, illi l-fireplace u l-librerija diga` gew specifikatament assenjati lill-konvenut fi 'skeda A' bhala sehmu mill-beni mobbli tal-komunjoni ta' l-akkwist, b'valur komplessiv ta' €5,124 u ghalhekk jidher li hemm lok ghall-hlas ta' ekwiparazzjoni lill-konvenut minn sehem l-attrici fil-komunjoni.

"Izda l-Qorti tosserva li hija diga` assenjat lill-konvenut, oltre ghall-mobbli indikati fi 'skeda A', il-kontenut tal-garaxx gewwa Rahal Gdid, mikri lill-partijiet, jigi assenjat fl-intier tieghu lill-konvenut, inkluz is-sigra tal-Milied kif ukoll il-kontenut kollu gewwa l-garaxx ta' Birzebbuga mikri lill-partijiet. Billi l-partijiet baqghu ma ndikawx valur ghal dawn il-mobbli, u jirrizulta wkoll li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut in via ta' ekwiparazzjoni ta' krediti dovuti lill-komunjoni ta' l-akkwisti is-somma ta' €1,368.66, il-Qorti qieghda *arbitrio boni viri* tillikwida l-valur ta' dawn il-mobbli fis-somma ta' €3,755 u b'hekk ebda ekwiparazzjoni hija dovuta mill-attrici lill-konvenut ghall-oggetti mobbli lilu assenjati.

"Finalment, in kwantu l-oggetti li l-attrici indikat li huma parafernali taghha, ma tressqt ebda prova fir-rigward u ghalhekk dawn gew meqjusa u assenjati bhala beni appartenenti lill-komunjoni.

"**Kirja tal-Garaxx**

"Il-partijiet jikru garaxx gewwa 12, Triq ix-Xoghol, Birzebbuga. Il-partijiet naqsu milli jressqu provi dwar din il-kirja, hlief li l-konvenut wara li gie pprezentat ir-Rapport Legali, esebixxa diversi ricevuti tal-hlas tal-kera tal-garaxx fis-somma ta' €400 kull sitt xhur, u jippretendi li jigi assenjat nofs dawn il-hlasijiet li jirrizultaw skond l-ircevuti esebiti[31]. Il-Qorti, in vista tal-fatt illi l-attrici qablet li l-konvenut jigi assenjat il-lokazzjoni ta' dan il-fond flimkien mal-kontenut tieghu[32], qieghda tassenja l-lokazzjoni lill-konvenut li jirrizulta li baqa' jgawdi esklussivament il-pussess ta' dan il-fond. Fic-cirkostanzi, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ma ghandu ebda dritt ghal rifuzjoni ta' nofs l-ammont imhallas in linea ta' kera matul is-snin kemm ilhom separati *de facto* il-partijiet u lanqas ma hija dovuta ebda ekwiparazzjoni lill-attrici ghal din l-assenjazzjoni".

## L-Appelli

4. Il-konvenut ipprezenta ir-rikors tal-appell taghha fid-19 ta' Dicembru 2017 li ghalih wiegbet l-attrici b'risposta u appell incidentali prezentata fid-9 ta' Jannar 2017.

[31] Fol 719 sa 727.
[32] Nota guramentata tal-attrici, fol. 34.

5. L-appell tal-konvenut huwa bazat fuq sitt aggravji: [1] li l-konvenut ma kellux jinghata t-tort kollu ghas-separazzjoni personali u li ghalhekk ma kellux jigi akkollat il-maggjor parti tal-ispejjez; [2] li d-dritt ta' manteniment ghall-attrici kien gie estint wara li z-zwieg kien gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici u ghalhekk kellu japplika l-Artikolu 20 [5] tal-Att Dwar iz-Zwieg [Kap.255] [3] id-dritt moghti lilu li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali kellu jkun *vita natural durante*; [4] li l-ewwel Qorti kellha tirrikonoxxi li l-konfront ta-kommunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu fl-ammont ta' €37,270; [5] li l-attrici kellha tigi ordnata li tirrifondi lilu s-sehem taghha mill-kera tal-garage li thallset mill-konvenut u, [6] li l-garage sitwat faccata tad-dar matrimonjali kellu jigi assenjat lilu filwaqt li hu jhallas lill-attrici nofs il-valur tieghu, u mhux jinbigh fuq is-suq hieles.

6. Il-konvenut qed jitlob li l-appell tieghu jigi milqugh u s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji premessi.

7. Min-naha taghha l-attrici qed topponi ghall-appell tal-konvenut ghar-ragunijiet esposti minnha fir-risposta taghha, kif ukoll ressqet appell incidentali bbazat fuq is-segwenti aggravji: [1] li huwa l-konvenut li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €1,368.66 u mhux bl-invers kif b'*lapsus calami* gie indikat fis-sentenza appellata; [2] li ladarba ma giet attribwita ebda htija lilha ghas-separazzjoni, l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna fil-konfront taghha l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1][a][b][c] tal-

Kodici Kriminali u, [3] l-attrici ma kellhiex tigi kkundannata thallas $^{1}/_{3}$ mill-ispejjez tal-azzjoni principali.

8. Ghalhekk qed titlob li l-appell principali tal-konvenut jigi michud filwaqt li l-appell incidentali taghha jigi milqugh u s-sentenza appellata tigi riformata abbazi tal-aggravji mressqa minnha.

<u>L-Appell Principali</u>

*L-Ewwel Aggravju [Tort]*

9. Dan hu fis-sens li l-konvenut ma kellux jinghata t-tort kollu ghas-separazzjoni personali u li ghalhekk ma kellux jigi akkollat il-maggjor parti tal-ispejjez.

10. Il-konvenut jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha meta ma haditx in konsiderazzjoni x-xhieda kollha li tikkontraddici dak li l-attrici allegat fil-konfront tieghu. Jilmenta li l-ewwel Qorti strahet biss fuq “incidenti minuri u izolati” tul konvivena matrimonjali li damet circa 22 sena u li dawn l-incidenti gew meqjusa bhala “incidenti abitwali” li irrendew il-hajja matrimonjali impossibbli. Huma kienu jghallmu l-muzika fid-dar taghhom u ghalhekk kienu jkunu kontinwament flimkien, tant li ix-xhud Rose Grech tghid li kienet tarahom bhala “il-koppja idejali”.

11. Mhuwiex minnu li meta l-attrici telqet mid-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu hija ghamlet hekk ta' fuqha senduqa. Il-konvenut jispjega li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet ilha tippjana li titlaq mid-dar u di fatti meta kienet ghadha tghix mal-konvenut hija kienet ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji mhux biss biex titlaq mid-dar izda wkoll sabiex tkun tista' tkompli tezercita l-professjoni taghha f'music studio iehor, u ghazel li titlaq bil-lejl meta l-konvenut kien rieqed. Fi kliem iehor it-tluq mid-dar kien wiehed premeditat. Tant hu hekk, li skont il-konvenut, meta telqet mid-dar l-attrici hadet maghha circa €500 u "affarijiet imprezzabbli" relatati mal-professjoni tieghu ta' muzicist. Ukoll isemmi dak li xehdet ohtu Maria Theresa Marmorato li l-gurnata ta' qabel kienu marru jieklu mal-partijiet gewwa restaurant fuq suggeriment tal-attrici u tghid li dakinhar marru tajjeb hafna flimkien.

Jissenja li hu sinifikanti l-fatt li l-attrici kienet marret ghand il-Ginekologa Dr Isabelle Saliba f'Marzu 2006, jigifieri qabel mal-attrici telqet mid-dar, u mhux f'Gunju 2007 kif sosntiet ix-xhud Tessie Pule`. Dan hu konfermat mic-cerifikat li jindika li l-attrici kienet invistata mit-tabiba f'Marzu 2006. Skont il-konvenut dan il-fatt kien jindika li l-attrici kienet ilha minn dak iz-zmien li tfassal il-pjan taghha li titlaq mid-dar.

12. Jissenjala wkoll bhala fattur relevanti ferm li fl-ahhar sena tal-konvivenza matrimonjali l-attrici bdiet relazzjoni ta' hbiberija ma' Ray

Bodell id-direttur barrani tal-kullegg tal-muzika. Skont il-konvenut din il-hbiberija ta' bejniethom kienet aktar minn wahda strettament professjonali, tant li fis-sena 2005 kienet "biddlet il-looks taghha u xagharha" u kienet bdiet turi aktar impenn fil-hajja professjonali taghha, tant, li kienet iddum iddoqq sat-3.00 am. Fi ftit kliem saret *workaholic*; kienet titkellem biss fuq xoghol.

13. Huwa jichad li kien dominanti fil-konfront tal-attrici, tant li fil-pendenza tal-kawza huwa accetta, minghajr oppozizzjoni ta' xejn, li l-attrici tiehu certu affarijiet mid-dar matrimonjali. Jichad ukoll li huwa kien jghir ghall-kisbiet professjonali taghha. Oltre, dan huwa ma kienx joggezzjoni ghal certu affarijiet, bhal safar li riedet taghmel l-attrici u anke l-fatt li xtrat karrozza meta hassitha komda ssuq. Jichad li kien jostakola lill-attrici milli jkollha relazzjoni mal-familja taghha, tant li meta missierha kien l-isptar, il-konvenut kien iwassalha ghall-visti ghalkemm ma kienx jidhol.

14. Min-naha taghha l-attrici tirrispondi fid-dettall ghal dan l-aggravju principalment billi tisenjala dak li ikkonstatat l-ewwel Qorti relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

15. Din il-Qorti tibda billi tghid li ma taqbilx mal-konvenut li L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha, ghal

kuntrarju jirrizulta li dik il-Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi akkwiziti u interpretat il-provi b'mod korrett. Mill-provi jirrizultaw fatti li necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut wera li kien dominanti b'mod abbuziv fil-konfront tal-attrici martu u kien insensittiv ghad-dinjita` taghha kemm bhala persuna kif ukoll bhala professjonista. Dan jinsab korroborati minn xhieda li kienu studenti taghha li kienu jassistu ghax-xenati u komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu. Wiehed minn dawn l-istudenti, Godfrey Cutajar fl-affidavit tieghu jixhed hekk dwar dawn l-okkazzjonijiet:

> "Hasra kbira li Rita kellha ragel li bla misthija ta' xejn kien jghajjat u jirribja maghha quddiem l-istudenti li kien ikollha quddiemha, u dan kien jaghmlu minghajr ebda raguni valida. <u>Dawn l-incidenti kienu jkunu ta' spiss</u>[33] …. kien jidhol fil-klassi [il-konvenut] u f'dak il-hin kont nara wicc Rita jinbidel. Kont nara wicc mimli tensjoni … Joe kien jihda jghajjat kemm jiflah f'wiccha, imaqdarha u sahansitra jghidilha kemm hija injoranta….. Haga li kienet timpressjonanti hafna kienet il-bidla li kienet issir f'Rita meta kienet tkun wahedha fil-klassi maghna. Kienet tohrog il-karizma u l-personalita` taghha. Kienet titkellem b'certu kunfidenza u decizjoni u precizjoni. Dan kollu kien jghib hekk kif ir-ragel taghha kien jidhol fil-kamra. Il-bidla fiha kienet tidher cara daqs il-kristall. Rita kien bhal jahkima biza kbir li dan kien ikun rifless f'ghajnejha. Meta r-ragel taghha Joe b'awtorita` u b'arroganza kbira kien jistaqsiha xi haga, Rita kienet timtela b'paniku kbir u twiegbu b'intimidazzjoni. ….. Il-klassi kienet tkun mimlija b'studenti kollha kbar … F dak il-hin wicc Rita kien isir ahmar nar bil-misthija …. Kulhadd kien jara d-dmigh f'ghajnejha".

16. Din ix-xhieda hija korroborata minn student iehor, Guido Grima li fl-affidavit tieghu jghid:

> "… waqt il-lezzjoni meta li klassi kienet tkun mimlija b'studenti kollha kbar, kien jidhol ir-ragel taghha u bla raguni ta' xejn jibda jghajjat

[33] Sottolinear ta' din il-Qorti

> maghha u jkellimha b'herra kbira. F'dak il-hin wicc Rita kien isir ahmar nar bil-misthija …. Kulhadd kien jara d-dmugh f'ghajnejha".[34]

17. Korroborazzjoni ohra tal-karattru dominanti u impetwuz tal-konvenut u in-nuqqas ta' rispett li huwa kien juri lejha, tinsab fix-xhieda ta' Marthese Busuttil Cassar li ilha taf lill-partijiet ghal zmien twil. Din ix-xhud fix-xhieda tghid hekk:

> "Joseph kellu tempra kerha, kien jitlaghlu malajr u jikser lil dak li jkun…. Kien bniedem difficli tifhu ghaliex filli ikun qed jidhaq u filli f'daqqa wahda jibda jghajjat qisu mignun ….. Fid-dar tieghu issir sezzjoni ta' ezaminajet u darba minnhom, waqt li wara l-ezamijiet konna jiena, Rita, Joseph u l-ezaminatur qeghdin nghidu xi kelma bejnietna, Joseph staqsa xi haga lil Rita u ghax din ma tatux it-twegiba kif xtaq hu, infexx jghajjat kemm jiflah maghha quddiem kulhadd, tant li jiena kont sthajt, li veru xtaqt li ma kontx prezenti waqt dak ir-rifront"[35].

18. Min-naha tieghu fir-rigward, il-konvenut jichad dak fuq deskritt u jghid li kien hemm okkazzjoni wahda biss fejn "*Meta kont mort nirrabja quddiem l-istudenti, ma kienx dirett ghaliha, imma ghal min kien jipprintjaha [ktieb tal-muzika] ghax kien qed jghaddiha biz-zmien u ma kienx [l-istampatur] qed jaghmel xoghol serju…. Dawn kienu l-mizinterpretazzjonijiet taghha fejn qalet li kont nirredikolha quddiem l-istudenti taghha*".[36]

19. Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti thoss li l-verzjoni korroborata moghtija mix-xhieda fuq indikati, li huma estraneju ghall-vertenza tas-

---

[34] Affidavit Vol.2 Fol.214; ara wkoll affidavit ta' Marthese Busuttil Cassar Vol.2 Fol.211
[35] Affidavit Vol.2 Fol.211
[36] Affidavit Vol.1 Fol.156

separazzjoni u ghall-partjiet, hija veritiera u li l-komportament abbuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici jsib konfort fi provi ohra. Din il-Qorti tikkonsidra dawn l-incidenti bhala gravi u tali li jiskossaw mhux bil-ftit il-konvivenza pacifika fiz-zwieg, li ghandha tkun il-bazi ta' unjoni bbazata fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku tal-konjugi. Il-fatt li l-konvenut ma kienx kapaci jrazzan lilu innifsu u jilmenta mal-attrici dwar dak li kien idejjqu meta l-attrici tkun wahedha juri bic-car il-karattru impettwuz tieghu kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li huwa kellu lejn l-attrici martu u in-nuqqas ta' sensittivita` ghad-dinjita` taghha bhala persuna ta' professjoni. Dan in-nuqqas jimmanifesta ruhu fl-umiljazzjoni li kien jikkaguna lill-attrici quddiem l-istudenti taghha u wkoll quddiem terzi persuni.

20. Fatt iehor li din il-Qorti thoss li ghandha tissenjala dwar il-karattru dominanti u abbuziv tal-konvenut fil-konfront ta' martu huwa dak li meta l-attrici ddecidiet titlaq mid-dar matrimonjali hija ghamlet dan b'mod premedit u telqet fis-sieghat bikrin ta' filghodu meta l-konvenut kien rieqed. Dan juru bic-car li l-attrici ma kinitx kapaci tissaporti aktar il-komportment abbuziv ta' zewgha, tant li telqet meta l-konvenut kien rieqed bil-ghan evidenti li tevita li tissubixxi xenata minghandu. Ghalhekk dan il-fatt, flimkien ma' provi ohra, jaghtu konfort lit-tezi tal-attrici li hi kienet mahkuma minnu. Barra minn hekk din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fil-fatt li meta konjugi jiddeciedi li jitlaq mid-dar matrimonjali

ghar-ragunijiet validi, huwa ad insaputa tal-konjugi l-iehor jaghmel il-preparamenti mehtiega biex wara li jitlaq mid-dar konjugali jkollu fejn imur joqghod u jezercita x-xoghol tieghu, kif ghamlet l-attrici.

21. Dwar l-ilmenti tal-konvenut li ftit ta' snin qabel is-separazzjoni l-attrici kienet bdiet tiffoka aktar fuq il-professjoni taghha u li kienet saret *workaholic* b'mod li hu hass li kien qed jigi traskurat minn martu, din il-Qorti ma tara xejn negattiv fil-fatt li maz-zmien, tenut kont li l-koppja ma kellhiex tfal u ghalhekk ma kienx hemm l-oneru ta' trobbija ta' tfal, l-attrici ssib sfog fix-xoghol taghha. Din il-Qorti ma tara xejn hazin li l-attrici kienet tkompli tahdem id-dar sas-sieghat bikrin ta' filghodu, *multo magis* fic-cirkostanzi tal-partijiet fejn ma kienx isir l-att konjugali bejniethom. Din il-Qorti ma tara xejn censurabbli dwar dak li qalet l-attrici fil-kontro-ezami taghha li "*kien ghalhekk imbaghat li tfajt l-attenzzjoni tieghi fuq ix-xoghol u l-karrieri. Il-hajja mizzewwga tieghi kienet biss ghal ghajn in-nies*"[37]. Dwar l-ilment li l-attrici ma kinitx baqghet issajjar u kienu ta' spiss jieklu *take-away,* hija flokha l-osservazzjoni tal-abbli perit legali l-Avukatessa Dr Nadia Vella li:

> "L-obbligu li issajjar u tnaddaf ma kienx obbligu biss tal-attrici, izda taz-zewg partijiet [li kienu jahdmu it-tnejn minn god dar] u jekk il-konvenut ma kienx qed jiehu pjacir jiekol *take-away* xejn ma zammu milli jipprova jmidd idejh huwa wkoll fil-kcina, jew fit-tindif jew jiddelegaw dan ix-xoghol lil terzi bi hlas, kif certament kellhom il-mezzi finanzjarji biex jaghmlu dan"[38].

[37] Dep. Attrici. Vol.3 Fol.566
[38] Vol.3 Fol.670

22. Inkwantu ghall-interpretazzjoni negattiva li l-konvenut jaghti l-fatt li l-attrici kienet bdiet taghti aktar kaz lil persuna u lid-deherha taghha, hija ferm flokha l-osservazzjoni maghmuli mill-perit legali li:

> "L-esponenti ma thossx illi l-agir tal-attrici li 'biddlet il-looks', 'tghallmet il-karrozza' 'saret taf tuza' l-emails' jista' jirrizulta li kien agir sevizzjuz fil-konfront tal-konvenut. Dan kien biss fazi mill-emancipazzjoni taghha u qatt ma jista' jitqies li jista' gustament iwassal ghal firda bejn koppja mizzewwga." [39]

23. Din il-Qorti taqbel ma' din l-osservazzjoni, kif ukoll taqbel maL-ewwel Qorti li ma rrizultax li r-relazzjoni li kien hemm bejn l-attrici u d-direttur tal-kullegg tal-muzika Ray Bodell kienet izjed minn dik ta' xoghol. Certament ma jirrizultax li din kienet hbiberija li tmur oltre minn dak accettabbli bejn persuni li jahdmu flimkien wisq izjed ma jirrizultax li kien hemm relazzjoni adulteruza bejniethom, u l-fatt li l-attrici ddecidiet li tiehu hsieb aktar tad-dehera fizika taghha, fin-nuqqas ta' provi konkreti jew indizzji cari u gravi li juri li kien hemm relazzjoni intima bejn l-attrici u l-persuna fuq imsemmija, ma jimmilitax kontra dik il-konkluzjoni. Wara kollox l-attrici, bhal kull persuna ohra anke mizzewwga ghandha mhux biss id-dritt imma l-obbligu li tiehu hsieb il-persuna u d-dehera taghha, u din il-Qorti ma tistax tifhem kif minn dan il-fatt il-konvenut qed jipprova jigbed xi inferenza negattiva fil-konfront taghha.

---

[39] Vol.3 Fol.29

24. Ikkonsidrat ukoll il-premess din il-Qorti tosserva li fil-provi akkwiziti hemm elementi ta' prova sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma ssibx raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul minn dik il-Qorti u l-konkluzjoni raggjunta minnha.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju [manteniment]*

26. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza fejn, ghalkemm ma gietx milqugha t-talba tal-attrici ghall-hlas minghand il-konvenut ghal manteniment ghaliha, gie precizat mill-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, li dan id-dritt tal-attrici li titlob manteniment ghaliha jibqa' fis-sehh jekk ic-cirkostanzi taghha jinbiddlu. Skont il-konvenut id-dritt tal-attrici gie estint bid-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 20 [5] tal-Kap. 255[40], kif ukoll tenut kont tal-ewwel aggravju tieghu li, anke l-attrici ghandha ggor htija ghas-separazzjoni.

27. L-Artikolu 20 [5] jaqra hekk:

> "Minkejja kull dispozizzjoni ohra, min mir-ragel jew il-mara jkun responsabbli ghan-nullita` taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment

[40] Huwa jghid li d-dispensa mit-tribunal ekklesjastiku kienet giet registrata u ghandha effetti civili, peremezz ta' digriet numru 14/2011 moghti minn din il-Qorti fl-istess ismijiet fit-2 ta' Awissu 2011

lil parti l-ohra li tkun in *buona fede* ghal perijodu ta' hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti in *buona fede* tizzewweg f'dan il-perijodu".

28. Ghalhekk, il-konvenut jissottometti li anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat li l-konvenut kien in mala fede u martu in *buona fede* ghall-annullament taz-zwieg, il-massimu li l-konvenut huwa tenut li jhallas huwa sa hames snin mid-data tal-annullament.

29. Fid-dawl tal-premess il-konvenut jispjega li d-dritt ta' manteniment da parti tal-attrici jinsab estint u dan apparti mill-konsiderazzjoni li, skont il-konvenut il-htija da parti tal-attrici ghandha ggib maghha d-dekadenza ai termini tal-Artikolu 48 [1][d] tal-Kodici Civili.

30. Il-konvenut jinsisti li d-decizjoni ghandha effetti civili stante li kienet giet registrata fid-digriet fuq imsemmi.

31. Min-naha taghha l-attrici ssostni li l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 mhuwiex applikabbli stante li ma ngabet ebda prova li saret ir-registrazzjoni tad-digriet skont l-Artikolu 26 tal-istess Kap. Minghajr pregudizzju ghal din is-sottomissjoni l-attrici tghid ukoll li hu kienet in *buona fede* u ghalhekk xorta wahda hi intitolata ghall-manteniment tul il-perijodu ta' hames snin dekorribbli "*minn meta potenzjalment ic-cirkostanzi taghha jinbdilu fis-sens li qalet L-ewwel Qorti..*"[41][42].

[41] Affidavit Vol.2 fol.212
[42] Fol.7 tar-risposta

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

32. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, mill-parti relevanti tal-parti operattiva tas-sentenza appellata, jirrizulta biss it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut giet michuda u ma hemm ebda rizerva da parti tal-ewwel Qorti fir-rigward.

33. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jappella minn decizjoni favur tieghu, u appell mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza mhuwiex ammissibbli. Dan jirrendi irrelevanti l-kwistjoni dwar l-effetti legali tad-dispensa moghtija mit-tribunali ekklesjastici. Id-decizjoni tal-ewwel Qorti hija moghtija *rebus sic stantibus* u ghalhekk, fil-kaz li l-attrici thoss li ghandha fil-futur, minhabba t-tibdil fic-cirkotanzi, titlob manteniment minghand il-konvenut, il-vertenza ghandha tkun meritu ta' kawza appozita fejn allura jmiss li jigi deciz l-applikabbilita` o meno tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 u l-effetti legali tieghu f'dawk ic-cirkostanzi il-godda.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju [Abitazzjoni Dar Matrimonjali]*

35. Dan l-aggravju hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-talba tal-konvenut sabiex ikompli jabita fid-dar matrimonjali ma tkunx marbuta mal-kondizzjoni msemmija fis-sentenza, jigifieri marbuta mal-

ezitu ta' kawza ohra li hemm bejn il-partijiet dwar l-istess fond, izda tkun *vita natural durante.*

36. Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi mill-provi hareg inkontestat li l-appellant kien juzaha dan il-fond sa minn qabel iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghal ezercizzju tal-professjoni tieghu bhala ghalliem tal-muzika. Il-propjeta` kienet precedentement tappartjeni lil genituri tieghu. L-istess genituri tieghu kienu joqghodu biswit din il-propjeta`. Illi wara z-zwieg z-zewgt partijiet stabillew ruhhom hemm bhala d-dar taz-zwieg u xi kmamar fil-fond kienu jintuzaw bhala klassijiet ghat-taghlim tal-muzika.
>
> "Illi l-esponent interottament tul hajtu kollha ghamel uzu minn din il-propjeta` kemm bhala post ta' abitazzjoni kif ukoll bhala l-post fejn baqa' jaghti lezzjonijiet tal-muzika. Illi l-esponent illum ghandu 63 il-sena u huwa penzjonant. Illi l-*hardship* li huwa jinkorri fl-eventwalita` li fil-futur ikun kostrett jitlaq mid-dar ser ikun ferm akbar minn kwalunkwe beneficcju li l-appellata li stabliet ruhha kemm f'dak li jirrigwarda residenza kif ukoll professjonalment x'imkien iehor fil-Kalkara. Illi l-esponent li ghandu penzjoni ta' Eur 640 fix-xahar kemm il-darba fil-futur ikun kostrett jitlaq mid-dar ma ghandux mezzi sufficjenti biex jikri post b'rata kummercjali".

37. Min-naha taghha l-attrici tirribatti billi tissenjala li z-zewg partijiet ghamlu diversi alterazzjonijiet fid-dar sabiex jirrenduha bhala abitabbli bhala d-dar matrimonjali. Tghid li l-konvenut beda proceduri biex il-kuntratt tal-akkwist da parti taghhom tad-dar matrimonjli li kienet inxtrat mill-partijiet qabel iz-zwieg jigi rexiss abbazi ta' simulazzjoni [donazzjoni simulata], liema kawza ghadha pendenti sal-lum. Huwa ghalhekk li L-ewwel Qorti halliet impregudikata s-sitwazzjoni legali dwar l-assenjazzjoni defenittiva tad-dar stante li t-titolu tal-attrici fuq il-fond de quo huwa kontestat.

38. Hija tkompli tfisser hekk ir-risposta taghha ghal dan l-aggravju:

> "D.7 Illi l-Ewwel Qorti kienet bizzejjed generuza mal-appellant u ddeciediet illi pendenti l-ezitu tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet, l-appellant ghandu jibqa; jirrisjedi f'dan il-fond. Ghandu jigi sottolineat it-tbatija tal-appellata derivanti mill-fatt li giet imcahhda u ser tigi mcahhda mili tezercita drittijiet taghha fuq l-istess proprjeta bl-effetti tas-sentenza odjerna u fl-umli fehma tal-esponenti m'hemm ebda gustifikazzjoni l-ghaliex l-appellanti giet akkonsentit lilu d-dritt li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali, tenut kont li fil-konfront tieghu gew komminti s-sazjonijiet previsti mill-artikolu 48(1) in toto u dana meta ma kien hemm ebda raguni valida ghalfejn l-appellant kellu jigi preferut fuq l-esponenti fil-koncessjoni lilu tad-dritt li jabita fid-dar matrimonjali, aktar u aktar meta si tratta ta' proprjeta` li sal-lum hija meqjusa appartenenti lill-Kommunjoni tal-Akkwisti.
>
> "D.8 Illi min-naha ohra, l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti d-dritt lill-appellant sabiex jibqa' jabita fil-fond irrispettivament mill-ezitu tas-sentenza l-ohra u li d-dritt tieghu ta' abitazzjoni jibqa' *vita natural durante* u dan fost affarijiet ohra minhabba li ghad hemm procedure gudizzjarji ohra li jistghu jiddeterminaw id-destin ta' dan il-fond".

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

39. Din il-Qorti ma taqbilx mal-pretensjoni tal-konvenut li huwa ghandu jigi awtorizzat jibqa' jirrisjedi *vita natual durante* fil-fond proprjeta` indiviza tal-partjiet, li minn meta inxtrat minnhom kienu sarulha alterazzjonijiet miz-zewg partijiet sabiex jirrenduha adegwata biex isservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. Dan qed jinghad abbazi tal-fatt li l-htija ghas-separazzjoni hija attribwibbli esklussivament lill-konvenut u ghalhekk, ghandu jkun manifest li, minkejja li hu kien jghix fil-fond qabel iz-zwieg, liema fond kien allura jappartjeni lil genituri tieghu, m'ghandux jinghata d-dritt pretiz minnu a skapitu tad-dritt tal-attrici li, wara li jigu konkluzi l-proceduri tar-rexissjoni tal-kuntratt tal-akkwist, hi tiehu sehemha mill-imsemmi post jew mill-ispejjez inkorsi minnha ghad-diversi

alterazzjonijiet li kienu saru fih bi spejjez taz-zewg partijiet. Ma hemm xejn xi jzomm lill-konvenut li wara li tigi stabbilita gudizzjarjament il-vertenza dwar il-kuntratt tal-akkwist, huwa joffri sabiex jixtri s-sehem tal-attrici, jekk ikun il-kaz, mill-fond *de quo*. Ghalhekk dan l-ilment tal-konvenut mhux gustifikat.

40. Rigward l-ilment tal-attrici li l-ewwel Qorti kienet generuza meta, skont hi, minghajr raguni valida ippermettiet lill-konvenut jghix fil-fond sakemm tinqatal-kawza tar-rexissjoni, din il-Qorti tosserva li r-raguni moghtija mill-ewwel Qorti, li hi fis-sens li l-fond kien okkupat mill-konvenut sa minn qabel iz-zwieg fejn kien jipprattika l-professjoni tieghu hija wahda valida. Wara kollox l-attrici ghandha l-post taghha fejn tghix u tipprattika l-professjoni muzikali u ghalhekk ma jaghmilx sens li l-konvenut jigi ordnat jizgombra mill-fond qabel ma tinqatal-kawza fuq indikata.

41. Irrispettivament mill-htija tas-separazzjoni, ladarba l-attrici ghandha fejn toqghod, l-allontanament tal-konvenut mid-dar matrimonjali, apparti mill-konsiderazzjoni li hu ghandu dritt jokkupa l-fond bhala komproprjetarju, isservi biss sabiex tikkreja *hardship* inutili lilu. Ghalhekk din il-Qorti tikkonsidra dan l-ilment tal-attrici mhux gustifikat.

42. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis dan l-aggravju mhux gustifikat u qed tichdu.

*Ir-Raba' Aggravju [Kreditu tal-Kommunjoni]*

43. Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma laqghetx il-pretensjoni tieghu li l-kommunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu fil-konfront fil-konfront tal-eredi tal-genituri taghha fl-ammont ta' €37,2670 [gia LM16,000] naxxenti minn investiment li l-partijiet kienu ghamlu fiz-zwieg sabiex il-genituri tal-attrici jakkwistaw l-appartament nru. 1 fi blokk 3A fi Triq is-Savatur, Kalkara minghand l-Awtorita` tad-Djar. Jigifieri skont il-konvenut huwa intitolat ghal nofs dak l-ammont bhala sehmu mill-kommunjoni, jigifieri €18,635. Izda l-ewwel Qorti laqghet bhala veritieri l-verzjoni tal-attrici, sostnuta mix-xhieda prodotti minnha, li s-somma li kienu hargu l-partijiet fuq dan il-fond kienet biss ta' €2,620.25 u ghalhekk in-nofs dovut lill-konvenut huwa ta' €1,310.12.

44. Il-konvenut fir-rigward jilmenta li l-ewwel Qorti skartat evidenza dokomuntali konsistenti f'testmenti li kienet ghamlet omm l-attrici, li gew sussegwentement revokati fil-mori tal-kawza odjerna.

45. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi jrid jinghad li l-partijiet minkejja li kienu jahdmu t-tnejn ma kellhomx kontijiet bankarji signifikattivi fuq isimhom. L-unika investiment ufficjali li rrizulta huma zewgt poloz f'isem iz-zewg partijiet. Huma investew flus taghhom biex jhallsu ghall-appartament li nxtara fuq isem omm l-attrici u cioe` Flat 1, Block 3A, Triq is-Salvatur, Kalkara. L-ammont li kienu investew kien ta' Lm 16,000.

kienu insinwati fit-testmenti."

"Illi l-esponentipprezenta fl-atti tal-kawza zewg testament li saru minn omm l-attrici (llumm mejta) Doris Micallef fejn l-ewwel wiehed li sar fiz-zmien tal-pagament tal-flus hija kienet halliet bhala prelegat lil Rita Psaila, l-attrici l-appartament "*ghaliex il-fond gie miksub minnhom, il-flus ghall-akkwist tal-istess fond gew provduti mill-prelegatorja Rita Psaila fl-interezza taghhom*". Illi l-gustifikazzjoni li tat l-attrici irraggunat dan it-testament sar hekk peress li l-genituri taghha kellhom biza mill-appellant ma huwiex konfortat b'ebda prova. Bizzejjed jinghad li minkejja li l-flus hargu mill-kommunjoni tal-akkwisti l-prelegat fit-testament ta' Doris Micallef datat 27 ta' Marzu 1998 in atti tan-Nutar Margaret Heywood kien lil Rita Psaila personalment li kieku kienet tezisti din l-element ta' biza ma kienx jinghata kopja tat-testament minn Doris Micallef lill-appellant. Sussegwentement sar testament iehor minn Doris Micallef fit-testament taghha tad-29 ta' Settembru 2006 pubblikat fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana[43]. F'dan it0testament Doris Micallef ikkonfermat il-prelegat favur bintha Rita Psaila. Sussegwentement il-prelegat gie revokat mit-testa,emt redatt fl-21 ta' Lulju 2010 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras[44] ftit xhut qabel it-testatrici mietet.

"Illi kif irrimarkat ukoll il-perit legali l-ahwa tal-attrici huma vicini hafna ta' xulxin u fuq bazi ta' probabilita` dan it-tibdil sar sabiex l-appellant ikun definittivament eskluz milli jigi rifuz dan il-pagament li saru minnu in buona fede.

"Illi l-partijiet, ghalliema tal-muzika *self-employed*, ma kienux juzaw is-servizzi bankarji hlief ghal affarijiet minimi u kellhom tul il-hajja mizzewga xtraw diversi oggetti u karozzi bi flus kontanti kif jirrizulta mill-provi. Ma huwiex ghalhekk sorpredenti li bhal kull investiment iehor li ghamlu kienu flus kontanti li nghaddew lil genituri tal-partijiet.

"Illi l-esponenti ressaq l-ahjar prova li kienet disponibbli ghalih, u cioe` testament maghmula mill-istess omm l-appellata sabiex jissostanzja l-pretenzjoni tieghu u ghalhekk huwa jsostni li dan huwa konformi mal-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp civili".

46. Min-naha taghha l-attrici tirribatti li l-verzjoni taghha hija konfortata mill-provi dokumentali u minn xhieda ohra. Kif tghid fl-affidavit taghha, il-partijiet kienu taw lil genituri taghha s-somma ta' LM1,125 rapprezentanti

[43] Dok. JPX 1 ipprezentat fis-seduta tal-25 ta' April 2013
[44] Dok. RP7, datat 21 ta' Lulju 2010 a fol. 501

d-depozitu li sar fuq il-fond mal-konvenju. Dan huwa korroborat mir-ricevuta rilaxxjata mil-Awtorita` tad-Djar. Ghall-kumplament tal-prezz tal-fond fl-ammont ta' LM11,250 l-attrici tghid li l-genituri taghha kienu hadu self ta' LM7,000 mill-Mid Med Bank skont kuntratt esebit[45], ghal liema self kienu ghamlu tajjeb ohta Maria u zewgha Eugenio Formosa. Ghalhekk il-figuri wahedhom juru li huwa impossibbli dak allegat mill-konvenut li l-partijiet taw lill-genituri s-somma ta' LM16,000, meta kull ma kien fadal li jigi kopert wara l-hlas tad-depozitu u s-self bankarju kien ta' LM3,129. Dan kollu gie konfermat minn omm l-attrici li ma gietx kontraddetta u lanqas kontro-ezaminata.

47. Barra minn hekk, it-testmenti ta' omm l-attrici li fuqhom il-konvenut qed jibbaza t-tezi tieghu gew revokati u ghalhekk m'ghandhom ebda validita`.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

48. Il-konvenut qed jibbaza l-pretensjoni tieghu ta' kreditu €37,2670 favur il-kommunjoni tal-akkwisti kontra l-eredi tal-genituri tal-attrici fuq ix-xhieda guramentata tieghu kif ukoll fuq dikjarazzjoni maghmula minn omm-l attrici f'zewg testmenti taghha fejn iddikjarat li qed thalli l-fond de quo b'titolu ta prelegat lil Rita Psaila peress li "*il-flus [ghall-akkwist] tal-istess fond gew provduti mill-prelegatarja Rita Psaila fl-interezza*

[45] Fol.229

*taghhom*". Dan il-prelegat u dik id-dikjarazzjoni kienet giet ripetuta f'testment li sar sussegwentement mill-istess omm l-attrici, izda b'testment maghmula fil-mori tal-proceduri odjerni, ftit taz-zmien qabel ma mietet omm l-attrici din irrevokat dan il-legat.

49. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex ma accettatx il-verzjoni tal-konvenut, imma accettat dik tal-attrici, fir-rigward. Dawn huma:

[1] li l-konvenut ma pprovda ebda prova ulterjuri, ghajr in-nota guramentata tieghu dwar il-pagament allegat minnu;

[2] li fl-ahhar testment il-fond intiret minn oht l-attrici u kieku verament il-flus kienu gew moghtija mill-partijiet, it-testatrici ma kinitx tiddikjara li l-flus li hija tat lill-attrici tatomlha akkont ta' sehemha mill-eredita` taghha;

[3] li kieku verament il-prezz thallas kollu mill-partjiet, ma kienx ikun hemm raguni ghall-fatt li l-genituri tal-attrici, allura akkwirenti, hadu self bankarju ta' LM7,000 akkont tal-prezz;

[4] li l-konvenut ma ta ebda spjegazzjoni dwar kif u b'liema mod hu u martu hallsu l-prezz tal-akkwist tal-fond;

[5] li l-attrici cahdet kategorikament dak pretiz mill-konvenut fir-rigward u kkonfermat bil-gurament li hija kienet biss hallset id-depozitu ta’ LM1,125 mal-iffirmar tal-konvenju.

55. Din il-Qorti tqis li hemm elementi ta’ prova sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Apparti minn dak spjegat fis-sentenza appellata, din il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti li jkomplu jsahhu l-konkluzjoni raggjunta minn dik il-Qorti.

56. Il-konvenut, persuna ta’ certu livell ta’ edukazzjoni, huwa ragjonevolment mistenni li kien jaf li testment jista’ jigi revokat qabel il-mewt tat-testatrici u ghalhekk mhuwiex prova soda tal-fatti hemm allegati. Ghaldaqstant huwa inverosimili ferm li l-konvenut ihalli li tohrog dik is-somma sostanzjali mill-assi kommunjoni tal-akkwisti minghajr ma jesigi li ssir xi forma ta’ prova dokumentali, bhal per ezempju skrittura privata; lanqas jirrizulta provat li l-partjiet kienu hallsu l-kumplament tal-prezz li kien fadal wara li kien sar id-depozitu u ittiehed is-self bankarju. Ladarba l-konvenut naqas milli jikkawtela bi provi dokumentali dak pretiz minnu, allura *imputet sibi* u l-ewwel Qorti kienet fil-parametri taghha meta ma accettatx bhala veritiera dak allegat minnu.

57. Barra minn hekk, hija opportuna l-osservazzjoni li fil-kaz odjern, ghalkemm kienet saret dik id-dikjarazzjoni minn omm l-attrici f’zewg

testmenti taghha, il-fatt jibqa' li dawn ma sarux bil-gurament mit-testatrici u wkoll tezisti l-possibilita` li t-testatrici seta' kellha ragunijiet ohra sabiex taghmel id-dikjarazzjoni li ghamlet bhal, per ezempju, biex tiggustifika mat-tfal taghha l-ohra r-raguni ghaliex il-post hallietu bhala prelegat lill-attrici u mhux lil hutha ukoll, u allura ma kinitx necessarjament veritiera d-dikjarazzjoni testamentarja maghmula minnha.

58. Apparti minn hekk, Doris Micallef, omm l-attrici fl-affidavit taghha tichad il-pretensjoni tal-konvenut bil-mod segwenti:

> "Nixtieq nghid li t-tifla tieghi Rita qaltli li r-ragel taghha Joseph qieghed jghid li l-flat li fih nghix jien u li huwa proprjeta` tieghi xtrawh huma. Dan mhuwiex minnu ghaliex Rita u Joseph kienu ghenuni biss fid-depozit biss u dan ghamluh fuq insistenza ta' Rita u mill-flus li kienet taqa' hi minn xogholha..".

59. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Il-Hames Aggravju [Kera tal-Garage]*

60. Dan hu fis-sens li fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti taht il-kappa 'Kirja ta' Garage' l-attrici ma gietx ordnata tirrifondi sehemha mill-kera ta' garage mikri mill-partijiet minghand terzi, li thallset mill-konvenut tul il-proceduri odjerni, liema garage gie evenetwalment ritornat lis-sid wara li l-partijiet kienu bieghu il-karrozza taghhom li kienu ipoggu hemmhekk.

61. Il-konvenut jghid li huwa kien baqa' jhallas il-kera ta' €400 kull sitt xhur bejn is-snin 2007 u 2016 biex b'hekk thallas b'kollox is-somma komplessiva ta' €7,200. Ghalhekk huwa qed jippretendi li l-attrici thallas lilu nofs dan l-ammont jigifieri €3,600.

62. Min-naha taghha l-attrici tirribatti ghal dan l-aggravju billi tissenjala li kif osservat milL-ewwel Qorti l-lokazzjoni tal-garage kienet baqghet titgawda esklussivament mill-konvenut li kellu l-pussess tal-garage u ghalhekk dik il-Qorti korrettament iddecidiet li l-konvenut ma ghandu ebda dritt ghar-rifuzjoni ta' nofs l-ammont imhallas f'kera matul is-snin li l-partijiet ilhom *separati de facto.*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

63. Din il-Qorti tibda billi tissenjala li, skont kif jirrizulta mill-parti dispozittiva tas-sentenza, il-kommunjoni tal-akkwisti giet dikjarata xjolta *"b'effett mil-lum"* jigifieri mit-30 ta' Novembru 2017 li hija d-data tas-sentenza appellata. Ghalhekk, dak kollu li ircevew il-partijiet u dak kollu li hargu l-partijiet fl-interess tal-kommunjoni sa dik id-data huwa meqjus bhala attiv u passiv tal-kommunjoni, irrispettivament mill-fatt li fiz-zmien tal-hlas il-partijiet kienu *de facto* separati. Dan jfissier li l-kera li kien hallas il-konvenut ghall-garage mikri lill-partijiet mis-sena 2007 sad-data tas-sentenza appellata huwa meqjus bhala flus li hargu mill-kommunjoni u ghalhekk huwa meqjus legalment li l-pagamenti kienu saru miz-zewg

partijiet fi kwoti ugwali. Ghalhekk l-attrici m'ghandha ebda obbligu li thallas nofs l-ammont ta' kera mhallsa lill-konvenut.

64. Fid-dawl tal-konsiderazzjoni premessa din il-pretensjoni tal-konvenut hija legalment u fattwalment insostenibbli.

65. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis dan l-aggravju bhala mhux gustifikat u qed tichdu.

*Is-Sitt Aggravju [Garage faccata tad-dar matrimonjali]*

66. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn L-ewwel Qorti ordnat li l-garage li kien gie akkwistat mill-partijiet waqt iz-zwieg u li jinsab faccata tad-dar matrimonjali jigi mibjugh fuq is-suq hieles ghal prezz ta' mhux anqas minn dak ta' €24,000 fi zmien sena, wara liema perijodu jekk ma jkunx ghadu inbigh jinbiegh bis-*subasta* skont il-ligi u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. L-ilment tal-konvenut gej mill-fatt li l-garage jinsab faccata tad-dar matrimonjali fejn hu qed jippretendi li jibqa' jabita *vita natural durante* u, filwaqt li l-garage jigi assenjat lilu fl-intier tieghu, lill-attrici jaghtiha s-sehem taghha billi jhallasha s-somma ta' €12,000. B'dan il-mod skont il-konvenut l-attrici mhux ser issofri pregudizzju ghax il-partijiet kienu qablu li l-prezz m'ghandux ikun anqas minn €24,000, barra minn hekk hemm ic-certezza

li l-attrici ser tircevi sehemha f'ammont ta' €12,000 minghajr il-htiega ta' proceduri u spejjez ulterjuri.

67. Min-naha taghha l-attrici tirribatti bl-argument li jekk il-garage jinbigh fuq is-suq hieles hemm il-possibilita` li jinbiegh bi prezz superjuri ghas-somma ta' €24,000 u allura b'hekk iz-zewg partijiet jigwadanjaw aktar, filwaqt li t-tezi tal-konvenut li l-garage jigi assenjat lilu u hu jhallasha nofs dak l-ammont, telimina l-possibbilita` li l-attrici tircievi somma akbar minn €12,000 bhala sehemha mir-rikavat tal-bejgh.

68. Tissenjala li, ghalkemm il-partijiet kienu qabblu fuq il-persuna li stmat il-garage, ma kien hemm ebda qbil bejniethom dwar il-modalita` tal-bejgh u dwar jekk il-garage ghandux jigi assenjat lil wiehed mill-partijiet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

69. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u r-raguni ghall-oggezzjoni tal-attrici hija wahda korretta u gusta. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hija tal-fehma li l-bejgh tal-garage fuq is-suq hieles jista' jgib prezz akbar minn dak indikat mill-partijiet, u allura l-attrici hija gustifikata li zzomm ferma din il-possibbilita`. Wara kollox jekk il-konvenut huwa verament interessat li jakkwista l-garage ma hemm xejn xi jzommu milli joffri l-prezz li talvolta jigi offrut lill-partijiet fuq is-suq hieles, dejjem mhux anqas mis-somma ta' €24,000.

70. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

L-Appell Incidentali

*L-Ewwel Aggravju [Korrezzjoni]*

71. Dan hu dirett lejn dik il-parti[46] tas-sentenza appellata fejn l-attrici giet ordnata li thallas lill-konvenut is-somma ta' €1,368.66 filwaqt li mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza jirrizulta manifest li dan kien *lapsus calami* u din l-ahhar somma ghandha tigi mhallsa mhux lill-konvenut izda mill-konvenut lill-attrici.[47]

72. Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jghid li jaqbel li kien hemm zball f'dik il-parti tas-sentenza, jissenjala li hu mhux qed jaqbel ma' dak l-ammont fissat mill-ewwel Qorti, u jsostni li hu ghandu jithallas sehemu mill kreditu li ghandha l-kommunjoni fl-ammont ta' €37,270 kif spjegat fir-raba' aggravju tieghu.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

73. Din il-Qorti tikkonsidra dan l-aggravju gustifikat u li, l-ammont ta' €1,368.66 ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici u mhux *vice versa* kif

---

[46] Pga.23 para.4 tas-sentenza appellata

[47] L-attrici prezentat rikors ai termini tal-artikolu 825 [2] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghall-korrezzjoni ta' din il-parti tas-sentenza, fid-29 ta' Dicembru 2017. Il-meritu tar-rikors ser jigi trattat bhala aggravju f' dan il-gudizzju

erroneament indikat fis-sentenza appellata. Ghalkemm il-konvenut mhux qed jaqbel mal-ammont huwa jaqbel li hemm zball tipografiku fis-sens li l-ammont indikat fis-sentenza huwa dovut lill-attrici.

74. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju [Sanzjonijiet Art.48]*

75. Dan hu fis-sens li, ladarba kif deciz milL-ewwel Qorti l-attrici ma kellha ebda tort ghas-separazzjoni, dik il-Qorti ma kellhiex tikkomina fil-konfront taghha s-sanzjonijiet kontempati fl-Artikolu 48 [1] [a][b][c]. L-attrici tissenjala li fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 51 l-ewwel Qorti ma kellhiex ragunijiet sufficjenti sabiex tezercita id-diskrezzjoni taghha billi jigi applikat l-artikolu fuq imsemmi ukoll fil-kontront taghha. Tkompli tfisser hekk dan l-aggravju:

> "J.5 Illi l-attrici appellate tikkontendi li fid-dawl tad-dispost tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, l-Ewwel Qorti ma kellhiex ragunijiet sufficjenti sabiex tezercita d-diskrezzjoni taghha sabiex jigi komminat l-effett tal-artikolu 48(1) (a), (b) u (c) fil-konfront taghha. L-artikolu 51 jghid hekk: "Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikolu 40 [u cioe` eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi] tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu". Il-komminazzjoni u l-effetti kontemplati fl-artikolu 48 hija cirkoskritta, fejn ir-raguni ghat-tkissir ta' zwieg mhijiex adulterju jew abbandun, bir-rekwizit li z-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' dik il-parti li tkun hatja ta' xi whsa mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 40. F'dan il-kaz, il-htija preponderanti giet attribwita ghar-ragunijiet imputabbli lill-appellanti, u ghalhekk fic-cirkostanzi rizultanti tal-kaz odjern ma setghetx ragjonevolment tapplikah dan l-artikolu".

76. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti ghal dan l-aggravju billi jghid li hu jaqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward u jissenjala li dik il-Qorti immotivat id-decizjoni taghha meta hadet kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Jghid li hu jaqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li n-nuqqas ta' applikazzjoni anke fil-konfront tal-attrici tista' fil-futur tohloq aktar diffikultajiet bejn il-partijiet. Inoltre, il-konvenut jissenjala li bid-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg l-effetti kontemplati fl-artikolu precitat ma japplikawx fil-konfront taz-zewg partijiet.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

77. L-artikoli relevanti ghal dan l-aggravju huma l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili li fil-parti relevanti taghhom jaqraw testwalment hekk:

> "48.(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda[48] għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –
>
> (a) "il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
>
> (b) "dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titoluieħor gratuwitu;
>
> "(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illijkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandhatkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekkakkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributib'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
>
> ……………………………………………………………………..
>
> "51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti

[48] Sottolinear ta' din il-Qorti

> jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu".

78. Mill-premess jirrizulta li s-sanzjonijiet komminati fl-Artikolu 48, fil-kazijiet ta' htija ghas-separazzjoni abbazi ta' adulterju [Art. 38] jew abbandun [Art. 41] ghandhom jigu applikati, filwaqt li fil-kaz ta' htija abbazi ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi [Art.40] jistghu skont ic-cirkostanzi tal-kaz jigu applikati, jew parzjalment jew fl-intier taghhom. Ghalhekk sabiex jigu imposti dawk is-sanzjonijiet, *in parte* jew *in toto*, trid tinstab htija fil-parti. Il-htija ghas-separazzjoni hija l-bazi legali ghal dawn is-sanzjonijiet u ghalhekk ghandu jkun manifest li dawk l-artikoli ma jistghux jigu applikati fil-konfront ta' parti li, bhal fil-kaz tal-attrici, ma jkollha ebda htija ghas-separazzjoni.

79. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tielet Aggravju [Spejjez]*

80. Dan hu fis-sens li, ladarba ma nstabet ebda htija da parti tal-attrici ghat-tifrik taz-zwieg li, giet taddebitata esklussivament lill-konvenut, allura bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223[3] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili hi ma kellhiex tigi kkundannata thallas parti mill-ispejjez tal-kawza.

81. Min-naha tieghu l-konvenut jghid li, minghajr pregudizzju ghal dak sostnut minnu fl-appell principali, jissenjala li l-artikolu precitat jaghti diskrezzjoni lil qorti gudikanti li takkolla l-ispejjez tal-kawza kif jidhrilha xieraq, u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-ewwel Qorti uzat hazin din id-diskrezzjoni.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

82. Dan l-aggravju wkoll huwa gustifikat ghax ladarba ma instabet <u>ebda htija</u> da parti taghha ghas-separazzjoni m'ghandhiex tigi akkollata bi spejjez gudizzjarji, partikolarment fil-kaz odjern fejn din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex parti mill-ispejjez ghandhom jigu addebitati lill-attrici.

83. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi dwar l-appell principali billi tichdu; tiddeciedi dwar l-appell incidentali billi tilqghu fl-intier tieghu u tordna r-riforma tas-sentenza appellata billi:

[i] il-parti fejn gie dikjarat li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' €1,368.66 tigi revokata u minflok, jigi ordnat li huwa l-konvenut li ghandu jhallas lill-attrici dik is-somma ta' €1,368.66;

[ii] tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn gie applikat fil-konfront tal-attrici l-Artikolu 48 [1] paragrafi [a][b]u [c] tal-Kodici Civili;

[iii] tirrevoka dik il-parti tas-sentena appellata fejn l-attrici giet ordnata thallas terz [$^{1}/_{3}$] mill-ispejjez tat-talba principali u minflok, tordna li l-ispejjez kollha tat-talba principali jithallsu mill-konvenut.

Tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez kemm tal-appell principali kif ukoll dawk tal-appell incidentali jkunu a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb